# EWROPA SIGURA

RAPPORT
TAL-ATTIVITÀ
2022



Bank Ewropew
tal-Investiment

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

# EWROPA SIGURA

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2022



Bank Ewropew tal-Investiment

**Rapport tal-Attività tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2022**

**© Bank Ewropew tal-Investiment, 2023.**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Il-Lussemburgu
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi l-bullettin elettroniku tagħna fuq www.eib.org/sign-up

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Stampat fuq Karta FSC®.

pdf: QH-BF-23-001-MT-N ISBN 978-92-861-5414-0 ISSN 2599-7017 doi:10.2867/455186

## X'INSIBU F'DAN IR-RAPPORT

Hekk kif id-dinja bdiet taqleb għall-aħjar wara l-ewwel kriżi, il-pandemija tal-COVID-19, faqqgħet waħda ġdida mal-konfini tal-Ewropa: il-gwerra. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kebbset kriżi umanitarja enormi li ġiegħlet lil miljuni ta' nisa u tfal Ukreni biex jaħarbu minn djarhom u jfittxu s-sikurezza f'**Ewropa sigura**.

Il-gwerra fl-Ukrajna u d-deterjorament drammatiku fir-relazzjonijiet mar-Russja, l-akbar fornitur tal-enerġija tal-Ewropa, kienu tbeżbiża. L-Unjoni Ewropea issa qed tesperjenza hi stess il-perikli tas-**sigurtà tal-enerġija** tagħha u t-theddid għall-**awtonomija** tagħha kkawżati mid-dipendenza żejda tagħha fuq potenza barranija għal prodott bażiku tant vitali.

F'partijiet oħrajn tad-dinja, il-gwerra qed tinħass minħabba l-prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew, li jenfasizzaw l-importanza ta' **konnessjonijiet globali**.

Sadanittant, l-arloġġ ikompli jtektek hekk kif jonqos iż-żmien biex jiġi evitat tibdil fil-klima katastrofiku.

**Dan ir-rapport juri kif il-Bank Ewropew tal-Investiment ikkonfronta l-isfidi tal-2022**. Mill-ħidma kontinwa tagħna biex l-irħula u l-bliet imġarrfin tal-Ukrajna jerġgħu jinbnew u l-appoġġ tagħna għar-refuġjati, sal-impenn sod tagħna għat-theddida globali tat-tibdil fil-klima. Ir-rapport juri kif l-appoġġ tagħna għall-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli huwa parti mis-soluzzjoni għall-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u tal-għanijiet klimatiċi tagħha. Juri wkoll kif l-appoġġ tagħna għall-**innovazzjoni** u teknoloġiji rivoluzzjonarji jwassal benefiċċji tanġibbli għall-kompetittività ekonomika tal-Ewropa, għall-għanijiet klimatiċi tagħha, u għall-**awtonomija** tagħha. Ir-rapport juri wkoll il-kontribut ta' BEI Globali, il-fergħa ta' żvilupp internazzjonali l-ġdida tagħna, għal benesseri akbar madwar id-dinja kollha.

**Ir-rapport jipprovdi l-kuntest għal dawn l-investimenti:** mill-ħsieb strateġiku tal-President tagħna fil-kelmtejn qabel tiegħu, għad-data dwar l-għoti u t-teħid ta' self tal-Bank u ħarsa lejn is-sena li ġejja fil-punti ewlenin tal-Pjan tal-Operat tal-Grupp.

Bħala istituzzjoni finanzjarja impenjata lejn il-multilateraliżmu u s-sħubija, l-ambizzjoni tagħna hija li ngħinu nibnu futur aħjar billi ninvestu fil-futur illum. Dan ir-rapport juri kif.

# WERREJ


3 X'INSIBU F'DAN IR-RAPPORT

6 KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT

8 PUNTI EWLENIN TAL-2022 *DATA* DWAR L-GĦOTI TA' SELF U L-IMPATT

10 IL-BEI F'PAJJIŻEK L-GĦOTI TA' SELF SKONT IL-PAJJIŻ

12 IL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK L-GĦOTI TA' SELF BARRA MILL-UNJONI EWROPEA

14 IS-SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA

16 L-UKRAJNA: SE TIEĦU FIT-TUL
18 L-UKRAJNA: MA JISTA' JKUN HEMM L-EBDA BANDIERA OĦRA HAWNHEKK
19 IL-POLONJA: IL-BŻONNIJIET TAR-REFUĠJATI
20 L-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA: NIBNU L-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA, BRIKKA BRIKKA
21 AKKOMODAZZJONI SOĊJALI EFFIĊJENTI FL-ENERĠIJA: F'ARMONIJA MAZ-ZEITGEIST
22 L-ENERĠIJA RINNOVABBLI: NIRMUNKAW IT-TURBINI 'L BARRA FIL-BAĦAR
25 L-ENERĠIJA RINNOVABBLI: INKATTRU L-INNOVAZZJONI FL-ENERĠIJA MIR-RIĦ
26 L-IDROĠENU: IL-ĠEJJIENI FIL-FJUWIL
27 ĊIPRU: EKOLOĠIJA LOKALI F'ĊIPRU
28 L-ITALJA: L-AĦĦAR MIL EKOLOĠIKU

30 INNOVAZZJONI U AWTONOMIJA

32 L-AGRIKOLTURA: IL-PITRAVI BIEX NEGĦLBU L-MARD
34 L-AGRIKOLTURA: XI ĦADD IRID IL-KAPITAL TA' RISKJU GĦALL-IKEL?
35 IR-ROBOTIKA: IL-QAWMA TAR-ROBOTS TAL-KONSENJI
36 L-EKONOMIJA DIĠITALI: NOĦOLQU MEXXEJJA TAL-IOT
37 IX-XJENZI TAL-ĦAJJA: MEDIĊINI BIEX JINQATEL IL-KANĊER
38 L-EKONOMIJA DIĠITALI: IL-FUTUR MHUX BINARJU
40 L-INVESTIMENT B'IMPATT SOĊJOEKOLOĠIKU: L-ISKOP TA' DAN KOLLU
42 IX-XJENZI TAL-ĦAJJA: ĊELLOLI GĦALL-KURA TAL-INKONTINENZA

44 KONNESSJONIJIET GLOBALI

46 IL-PALESTINA: L-ARMONIZZAZZJONI TAL-MIKROFINANZJAMENT
48 IL-BRAŻIL: OPPORTUNITAJIET TA' DAWL GĦAN-NISA
49 IL-BENIN: ENERĠIJA SOLARI GĦALL-AFRIKA RURALI
50 IS-SENEGAL: IL-KUMDITÀ HIJA LI JKOLLOK VIT BL-ILMA ĠIERI
52 L-INDJA: DAWN IŻ-ŻRIERAGĦ JAĦDMU
54 IL-BANGLADESH: L-ISPTARIJIET FI ŻVILUPPI ĠODDA

56 PUNTI EWLENIN DWAR IS-SELF

58 PJAN OPERAZZJONALI TAL-GRUPP U GOVERNANZA

# KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT

Fl-2022, il-Bank Ewropew tal-Investiment kien parti integrali mir-rispons tal-UE għall-bosta sfidi li feġġu matul is-sena, mill-invażjoni waħxija tal-Ukrajna għall-kriżi tal-enerġija pprovokata mill-kunflitt.

Il-Grupp tal-BEI — il-Bank u s-sussidjarju tiegħu għal negozji iżgħar, il-Fond Ewropew tal-Investiment — iffirma ftehimiet ta' finanzjament li jammontaw għal total ta' €72.5 biljun fl-2022. Kull euro ntuża għall-promozzjoni tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza fl-Ewropa u lil hinn minnha. Aħna wettaqna l-wegħdiet tagħna. Aħna qbiżna l-miri tagħna. Aħna għamilna differenza.

Għaliex fl-isfond ta' dawn in-numri enormi hemm impatt reali u tanġibbli.

Aħna qed nappoġġaw bijomediċini tal-ġenerazzjoni li jmiss kontra l-kanċer fl-Iżvezja. Fil-Finlandja, aħna appoġġajna l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kompjuters kwantistiċi. Fi Spanja, aħna qed ngħinu biex iż-żejt użat tat-tisjir jinbidel f'enerġija nadifa u l-enerġija solari tinħażen għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku. Hemm ħafna aktar proġetti bħal dawn u se taqraw dwar xi wħud minnhom f'dan ir-rapport.

## Inwasslu l-impatt u nindirizzaw id-distakki fl-investiment

Il-kriżi tal-enerġija naqqset il-baġits tal-investiment governattivi u korporattivi. Dan seħħ fi żmien meta għandna ninvestu aktar, biex nikkumbattu t-tibdil fil-klima u biex innaqqsu d-dipendenza tagħna fuq iż-żejt u l-gass Russi. Hemm riskju li d-distakki kroniċi fl-investiment jistgħu jmorru għall-agħar. Jekk ma nindirizzawhomx, l-Ewropa se tkun inqas kompetittiva u inqas attraenti għan-negozju.

L-avvenimenti tal-2022 huma prova li d-dekarbonizzazzjoni hija l-uniku perkors affidabbli għal enerġija sigura u affordabbli għall-Ewropej. Huwa għalhekk li r-rispons qawwi tagħna huwa daqshekk sinifikanti. Aħna rduppjajna l-isforzi tagħna biex nappoġġaw tranżizzjoni ekoloġika u innovattiva.

Ir-rikatt tar-Russja rigward il-provvisti tal-gass wera li l-Bank Ewropew tal-Investiment kellu raġun iwaqqaf il-finanzjament tal-infrastruttura tal-fjuwils fossili u jiffoka fuq l-enerġija nadifa. Huwa evidenti għal kulħadd issa li l-futur jinsab f'enerġija aktar nadifa u aktar sostenibbli.

Il-finanzjament tagħna għall-enerġija nadifa laħaq rekord ta' €19.4 biljun fl-2022. Sabiex tingħata spinta għas-sigurtà tal-enerġija, aħna appoġġajna l-aġġornament tal-grilja elettrika Ċeka. Aċċelerajna l-integrazzjoni tas-sorsi rinnovabbli fin-network tal-enerġija Pollakk. Fi Franza, iffinanzjajna parks eoliċi galleġġanti – teknoloġija li permezz tagħha nistgħu mmexxu l-ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa f'ilmijiet aktar fondi. Il-finanzjament tagħna se jgħinna nibnu kejbil ta' 1 000 kilometru li jgħaqqad impjanti tal-enerġija rinnovabbli fi Sqallija u f'Sardinja mal-grilja tal-Italja. Bil-pakkett ta' appoġġ tagħna għall-inizjattiva REPowerEU, aħna se nipprovdu €30 biljun addizzjonali f'self għall-enerġija u finanzjament tal-ekwità għal proġetti tal-enerġija b'impatt għoli matul il-ħames snin li ġejjin (apparti l-għoti ta' self regolari tagħna). L-għoti ta' self tagħna ta' €36.5 biljun għall-klima u l-ambjent fl-2022 appoġġa €147 biljun ta' investiment ekoloġiku minn ħaddieħor. Ninsabu fit-triq it-tajba biex nilħqu l-mira tagħna li nimmobilizzaw €1 triljun għall-pjaneta tagħna f'dan id-deċennju.

## Rispons immedjat

Aħna qed nirrispondu b'dan il-mod għall-isfida fuq terminu twil tat-tibdil fil-klima. It-tweġiba tagħna għat-theddida immedjata maħluqa mill-invażjoni tal-Ukrajna hija kisba ewlenija oħra għall-2022. Bis-saħħa tal-appoġġ mill-baġit tal-UE, ipprovdejna għajnuna lill-gvern Ukren ftit ġimgħat wara l-invażjoni. Ħriġna €1.7 biljun għall-Ukrajna f'ċirkostanzi tassew diffiċli. Għad fadlilna €540 miljun x'noħorġu hekk kif jipproċedu proġetti konkreti fuq il-post. Għandna l-mira li niżguraw li l-ekonomija tal-Ukrajna tibqa' għaddejja sabiex tkun tista' tappoġġa partijiet kbar tal-isforz tar-rikostruzzjoni tal-pajjiż stess.



**"L-avvenimenti tal-2022 huma prova li d-dekarbonizzazzjoni hija l-uniku perkors affidabbli għal enerġija sigura u affordabbli għall-Ewropej. Huwa għalhekk li r-rispons qawwi tagħna huwa daqshekk sinifikanti. Aħna rduppjajna l-isforzi tagħna biex nappoġġaw tranżizzjoni ekoloġika u innovattiva."**

Fl-2022 osservajna wkoll it-twaqqif ta' BEI Globali, il-fergħa ddedikata tagħna għall-attivitajiet ta' żvilupp u sħubija tal-Unjoni Ewropea. Fl-ewwel sena tal-operazzjonijiet tagħha, BEI Globali tat €9.1 biljun f'firem ta' proġetti ġodda – flimkien mal-finanzjament għall-Ukrajna. Dawn il-proġetti jinkludew impjanti tal-enerġija solari fil-Brażil, appoġġ addizzjonali għal inizjattivi tat-tilqim madwar id-dinja u proġett kbir ħafna biex jinġieb ilma nadif abbundanti lill-poplu tal-Ġordan billi ffinanzjajna wieħed mill-akbar impjanti tad-desalinizzazzjoni fid-dinja.

Il-proġetti ta' BEI Globali juru b'prominenza kif aħna navvanzaw il-politiki u l-valuri tal-UE madwar id-dinja. Noħolqu sħubijiet ġodda. Nibnu alleanzi ġodda u sostenibbli kullimkien. Jiena kburi li, b'BEI Globali, aħna qed nagħmlu kontribut attiv għall-prosperità globali taħt il-bandiera tal-Unjoni Ewropea.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment irrisponda b'mod qawwi għal sena ta' stress kbir ħafna. Aħna wrejna reżiljenza u kreattività. Iżda nafu li l-ħidma tagħna għadha mhux lesta. Irridu ntejbu l-prestazzjoni tagħna kontinwament u nfittxu modi ġodda u aħjar biex inwettqu xogħolna. Dan ir-rapport huwa rakkont ta' stadju vitali f'dak il-vjaġġ.

**Werner Hoyer**

# PUNTI EWLENIN TAL-2022

## ATTIVITAJIET TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2022

| | |
|---|---|
| **PROĠETTI APPROVATI** | **€75.9bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €63.5bn |
| **FIREM** | **€65.1bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €56bn |
| **ĦRUĠ** | **€54.3bn** |
| L-Unjoni Ewropea | €47.4bn |
| **RIŻORSI MIĠBURA** (QABEL L-ISWAPS) | **€44.3bn** |
| Muniti ewlenin (€, $) | €37.2bn |
| Muniti oħrajn | €7.1bn |

## ATTIVITAJIET TA' BEI GLOBALI FL-2022

| | |
|---|---|
| **PROĠETTI APPROVATI** | **€12.4bn** |
| **FINANZJAMENT TOTALI** | **€10.8bn*** |
| **ĦRUĠ** | **€6.6bn** |

* Il-finanzjament totali jinkludi €1.7bn ta' self bi skop ġdid lill-Ukrajna b'rispons għall-gwerra mar-Russja.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), parti mill-Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fil-finanzjament ta' riskju biex jappoġġa intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju u biex jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha. Dan jipprovdi finanzjament u kompetenza esperta għal operazzjonijiet ta' investiment u garanziji sodi u sostenibbli. L-azzjonisti tal-FEI jinkludu l-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, banek pubbliċi u privati u istituzzjonijiet finanzjarji.

## ATTIVITAJIET TAL-FOND EWROPEW TAL-INVESTIMENT FL-2022

| | |
|---|---|
| **FIREM** | **€9.18bn** |
| Ekwità | €4.16bn |
| Garanziji | €4.91bn |
| Finanzjament inkluživ | €0.12bn |

# L-IMPATT TAL-BEI

- **2.4 miljun ha** — Art agrikola b'ġestjoni mtejba
- **1.5 miljun ha** — Art tal-forestrija b'ġestjoni mtejba
- **6.6 miljun** — Abbonati ġodda b'servizzi 5G attivati
- **192 000** — Postijiet edukattivi maħluqa
- **2 miljun MWh/sena** — Iffrankar tal-enerġija minn proġetti
- **31 300 GWh/sena** — Elettriku minn sorsi rinnovabbli
- **2.4 miljun** — Arloġġi intelliġenti tal-enerġija installati
- **15 800 MW** — 100% ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli
- **150.4 miljun** — Persuni b'servizzi tas-saħħa mtejba
- **836 miljun** — Riċevituri tal-vaċċin tal-COVID-19 u tilqim ieħor
- **86 900** — Unitajiet domestiċi f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli
- **17-il miljun** — Persuni b'infrastruttura urbana jew reġjonali ġdida/aġġornata
- **517-il miljun** — Vjaġġi tal-passiġġieri addizzjonali bit-trasport pubbliku
- **23 600** — Vetturi jew rolling stock ġodda/rijabilitati
- **10.8 miljun** — Persuni b'sanità mtejba
- **25.4 miljun** — Persuni b'ilma tajjeb għax-xorb
- **3.1 miljun** — Refuġjati f'ċentru ta' akkoljenza jew akkomodazzjoni temporanja (pakkett ta' solidarjetà għall-Ukrajna)

Iċ-ċifri huma l-eżiti mistennija ta' operazzjonijiet ġodda ffinanzjati ffirmati fl-2022 għall-ewwel darba abbażi tad-*data* disponibbli f'dan l-istadju. Iċ-ċifri kollha mhumiex awditjati u huma proviżorji.

# IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK




Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.



IL-FINLANDJA
€1.16-il biljun 0.43 % tal-PDG
L-IŻVEZJA
€1.95 biljun 0.35 % tal-PDG
L-ESTONJA
€172 miljun 0.48 % tal-PDG
IL-LATVJA
€300 miljun 0.79 % tal-PDG
IL-LITWANJA
€303 miljun 0.45 % tal-PDG
IL-POLONJA
€5.45 biljun 0.83 % tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€6.61 biljun 0.17 % tal-PDG
IR-REPUBBLIKA ĊEKA
€1.85 biljun 0.66 % tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€54.5 miljun 0.05 % tal-PDG
L-AWSTRIJA
€1.62 biljun 0.36 % tal-PDG
L-UNGERIJA
€804 miljun 0.50 % tal-PDG
IR-RUMANIJA
€1.01 biljun 0.36 % tal-PDG
IS-SLOVENJA
€42 miljun 0.07 % tal-PDG
IL-KROAZJA
€218-il miljun 0.33 % tal-PDG
L-ITALJA
€10.09 biljun 0.53 % tal-PDG
IL-BULGARIJA
€494 miljun 0.60 % tal-PDG
IL-GREĊJA
€2.19-il biljun 1.04 % tal-PDG
€250 miljun 0.94 % tal-PDG
ĊIPRU
MALTA
€20 miljun 0.12 % tal-PDG

# IL-GRUPP TAL-BEI FID-DINJA TIEGĦEK






* Self bi skop ġdid lill-Ukrajna b'rispons għall-gwerra mar-Russja.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment ma japprovax, ma jaċċettax jew ma jiġġudikax l-istatus legali ta' kwalunkwe territorju, konfini, kulur, denominazzjoni jew informazzjoni murija fuq din il-mappa.
Wara s-sanzjonijiet tal-UE kontra s-Sirja f'Novembru 2011, il-BEI ssospenda kull attività ta' self u konsulenza fil-pajjiż. Madankollu, il-BEI jagħmel parti mill-grupp tad-donaturi ewlenin tas-Sirja fejn jissorvelja s-sitwazzjoni taħt it-tmexxija konġunta tal-UE u n-NU.

# IS-SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA

"Il-kriżi tal-enerġija taċċellera l-ħtieġa biex l-Ewropa tagħmel it-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli alternattivi u biex issir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Dan l-objettiv doppju huwa l-essenza ta' REPowerEU u l-BEI se jkollu rwol ewlieni fit-twettiq ta' dan. Għas-servizzi ta' konsulenza tal-BEI, dan ifisser ukoll li teknoloġiji ġodda jiġu identifikati u megħjuna biex jitqiegħdu fis-suq, kif ukoll jgħinu lill-gvernijiet jagħmlu użu aktar intelliġenti tar-riżorsi tal-finanzjament pubbliku tagħhom, billi jingranaw aktar investiment privat fejn possibbli."

**Frank Lee**, kap tas-servizzi ta' konsulenza dwar finanzjament klimatiku u soċjali, BEI

"Sa mill-ħolqien tiegħu, il-BEI kien finanzjatur ewlieni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija. Is-sitwazzjoni attwali tafferma mill-ġdid l-importanza strateġika tal-enerġija u l-importanza li jkun hemm provvisti diversi. Il-BEI żied l-għoti ta' self tiegħu għal proġetti tal-enerġija – inkluż għall-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, it-tisħin ta' distretti u l-konnessjoni ta' networks tal-elettriku fis-settur domestiku u internazzjonali – kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll madwar id-dinja."

**Sanjoy Rajan**, kap tas-sigurtà tal-enerġija, BEI

# IS-SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA

L-enerġija hija kwistjoni ta' sigurtà u d-dekarbonizzazzjoni hija kwistjoni ta' awtonomija strateġika. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u l-użu tagħha tal-esportazzjonijiet tal-enerġija bħala arma jibdlu l-ġeopolitika u l-ekonomija tal-enerġija fl-Ewropa b'mod fundamentali. Huwa wkoll imperattiv li nnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju biex nimmitigaw it-tibdil fil-klima. L-investiment fl-effiċjenza fl-enerġija u fil-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli huwa s-soluzzjoni ideali għaż-żewġ problemi.

Aħna nappoġġaw il-ħtieġa tal-Ewropa għal tranżizzjoni rapida lejn enerġija ekoloġika billi ninvestu fi proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija u enerġija rinnovabbli, u billi nippromwovu l-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda.

# SE TIEĦU FIT-TUL

## Il-Bank Ewropew tal-Investiment appoġġa mijiet ta' proġetti essenzjali għall-ħajjiet tan-nies Ukreni, fejn ħareġ flus għalihom anke waqt li l-gwerra tkompli

Meta Violaine Silvestro von Kameke tispjega li l-impjieg ewlieni tagħha jinvolvi l-investiment f'tużżani ta' bliet fl-Ukrajna waqt il-gwerra, in-nies huma sorpriżi, biex ngħidu hekk. "In-nies jaħsbu li l-gwerra waqqfet l-attivitajiet tagħna fl-Ukrajna," tgħid l-uffiċjal anzjan għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Iżda aħna qed noħorġu ħafna flus fl-Ukrajna u qed naħdmu fuq bosta proġetti kumplessi hemmhekk. Aħna attivi ħafna."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment sposta l-impjegati tiegħu mill-Ukrajna wara l-invażjoni Russa fi Frar 2022. Iżda fl-istess ħin, żied b'mod drammatiku l-assistenza tiegħu għall-pajjiż, **li l-gvern jistima li jeħtieġ madwar €765 biljun fl-għaxar snin li ġejjin biex jirkupra mill-invażjoni Russa**.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment approva żewġ pakketti ta' finanzjament ewlenin għall-Ukrajna matul il-gwerra: l-ewwel pakkett ta' €668 miljun ftit wara li bdiet il-gwerra biex jgħin lill-gvern iħallas għal ħtiġijiet urġenti; u t-tieni pakkett ta' €1.59 biljun biex isewwi infrastruttura danneġġata u jkompli bi proġetti kritiċi, iffirmat f'Lulju 2022. Inħarġu ftit aktar minn €1 biljun minn dan il-pakkett.

Assistenza oħra mill-BEI fl-2022 inkludiet €2.5 miljun f'donazzjonijiet mill-Istitut tal-BEI, il-fergħa soċjali u kulturali tal-bank tal-UE, u kważi €18-il miljun f'għotjiet minn Fond Fiduċjarju tal-Assistenza Teknika tal-Isħubija tal-Lvant biex jieħdu ħsieb madwar 700 000 persuna li ħarbu minn djarhom. Dan il-fond huwa appoġġat mill-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

Barra dan, il-Bank iffirma memorandum mal-Ukrajna li jsejjaħ għal aktar investiment fis-sistema tat-trasport ta' Kyiv u ta skop ġdid għal €59 miljun f'għotjiet biex jissewwew ferroviji u linji tal-ferroviji fl-Ukrajna, jiġu installati pontijiet sostituti temporanji, u jittejbu l-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni għan-nies li ġew imġiegħla jaħarbu minn djarhom.

### Appoġġ għal proġetti lil hinn miż-żoni ta' kunflitt

"Bħalissa ma nistgħux inniedu proġetti kbar nazzjonali, għalhekk il-ħidma tagħna hija ffukata fuq proġetti żgħar u li ngħinu lin-nies jgħixu f'dawn iż-żminijiet diffiċli," jgħid Hervé Guenassia, uffiċjal anzjan għas-self ieħor mal-Bank Ewropew tal-Investiment li jaħdem fuq proġetti Ukreni. "Li kieku nagħmlu xi proġett kbir, bħat-tiswija ta' ajruport, aħna ċerti li r-Russja kieku teqirdu."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment ilu jaħdem fl-Ukrajna għal 15-il sena, fejn iffinanzja aktar minn €8 biljun fi proġetti. Fl-2014, wara li r-Russja okkupat l-Ukrajna tal-Lvant u eżegwiet l-annessjoni tal-Krimea, aħna approvajna self qafas ta' €200 miljun għal irkupru bikri biex jgħin lin-nies li ħarbu mill-kunflitt u lill-bliet li aċċettaw numri kbar ħafna ta' refuġjati. Xi wħud mill-proġetti li s-self għen biex jiġu ffinanzjati minn dakinhar inqerdu mill-gwerra, inklużi librerija ta' teknoloġija għolja u ċentru tat-teknoloġija f'Mariupol.

**"Huwa tassew ta' niket li tara tant minn dawn il-proġetti meqruda, minħabba li din il-ħidma ġabet tant tama għan-nies lokali,"** jgħid Roy Draycott, inġinier ċivili mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fl-uffiċċju ta' Kyiv għal sitt snin.

# IS-SIGURTÀ TAL-ENERĠIJA

> **"Qegħdin hemmhekk għat-tul. Li kieku nista', kieku mmur lura fil-pajjiż jiena stess il-ġimgħa d-dieħla biex nibda nerġa' nibni."**

**Roy Draycott, inġinier ċivili, BEI**

## Konverżazzjonijiet ta' kuljum mas-sindki waqt il-gwerra

Anke waqt l-agħar perjodi tal-kunflitt, Guenassia u Silvestro von Kameke komplew jirċievu telefonati mis-sindki li kienu jitolbu konsulenza teknika u assistenza finanzjarja. F'Awwissu u Settembru 2022, il-Bank għamel sejħa għall-proposti biex jiffinanzja proġetti fl-Ukrajna li rċeviet madwar 1 000 applikazzjoni minn bliet u kumpaniji privati. Il-bank tal-UE jippjana li japprova aktar minn 300 minn dawn it-talbiet u li jagħmel aktar sejħiet għal proposti ta' proġetti fit-tmiem tal-2022 u fil-bidu tal-2023.

Il-proġetti approvati fl-2022 biex jgħinu lill-Ukrajna jinkludu vetturi tat-tramm ġodda fi Kyiv u Lviv, karozzi tal-linja ġodda għal Lutsk, tiswijiet fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa f'Odessa u finanzjament ta' rikostruzzjoni għal faċilitajiet edukattivi u soċjali danneġġati fi bliet mal-pajjiż kollu.

## Pontijiet imfarrkin jagħlqu bliet sħaħ

Pontijiet ġew meqruda mal-Ukrajna kollha mill-forzi Russi, kif ukoll mill-Ukreni biex jippruvaw iwaqqfu l-avvanz Russu. Il-bank tal-UE qed jgħin biex jiffinanzja pontijiet ta' barkuni galleġġanti temporanji mal-Ukrajna kollha.

"Kultant, jekk pont jitfarrak, dan ikun diżastru għal belt," jgħid Guenassia. "Għandu mnejn ma jkollokx ilma tax-xorb għaliex kien qed jiġi ttrasportat. In-nies forsi ma jkunux jistgħu jaslu l-isptar, ma jistgħux imorru l-iskola jew imorru x-xogħol jew il-ħanut."

Draycott, l-inġinier ċivili, jippjana li jmur lura biex jgħix u jaħdem fil-pajjiż hekk kif tintemm il-gwerra. "Il-BEI mhux se jabbanduna lill-Ukrajna," jgħid Draycott. "Qegħdin hemmhekk għat-tul. Li kieku nista', kieku mmur lura fil-pajjiż jiena stess il-ġimgħa d-dieħla biex nibda nerġa' nibni."




Il-Bank Ewropew tal-Investiment ilu jaħdem fl-Ukrajna għal 15-il sena

# MA JISTA' JKUN HEMM L-EBDA BANDIERA OĦRA HAWNHEKK

## Taħt assalt feroċi minn meta bdiet l-invażjoni Russa, sindku Ukren jiddeskrivi kif is-self tal-UE għen lill-popolazzjoni tirrespinġi lill-okkupaturi tagħhom

Meta bdiet l-invażjoni fuq skala sħiħa, il-mexxejja Russi ddikjaraw li kienu se jkunu milqugħa f'partijiet tal-Ukrajna, speċjalment qrib il-fruntiera, fejn ir-rabtiet kulturali, lingwistiċi u etniċi huma sodi.

Bis-saħħa ta' persuni bħal Ivan Fedorov, il-merħba ma tantx kienet waħda ħerqana.

"Il-kompitu primarju tiegħi llum huwa li ngħin lin-nies u nħaffef ir-rebħa Ukrena," jgħid Fedorov, ta' 34 sena, l-iżgħar sindku li qatt ġie elett f'Melitopol, belt li tinsab lejn it-Tramuntana tal-Krimea, fejn 90% tar-residenti jitkellmu bir-Russu. Fedorov malajr ta tikketta lir-Russi bħala "okkupaturi", żamm il-bandiera Ukrena tixxejjer għal kemm żmien kien possibbli u b'mod miftuħ ħeġġeġ ir-reżistenza.

Melitopol ilha okkupata minn meta bdiet il-gwerra u hija parti mill-erba' reġjuni annessi mir-Russja f'Settembru. Fedorov jagħmel xandiriet diretti regolari fuq il-media soċjali biex iserraħ moħħ ir-residenti u jħeġġiġhom. "Ma jista' jkun hemm l-ebda bandiera oħra hawnhekk," huwa qal f'wieħed mid-diskorsi.

### Ħobbu l-belt u żviluppawha aktar

Il-ħajja hija diffiċli f'Melitopol, li kienet waħda mill-ewwel bliet li waqgħet matul il-gwerra. Il-popolazzjoni tal-belt ta' madwar 150 000 ruħ fil-bidu tal-gwerra niżlet b'madwar żewġ terzi.

Fil-11 ta' Marzu, suldati Russi marru fl-uffiċċju ta' Fedorov, poġġewlu borża fuq rasu u arrestawh. Inżamm għal ġimgħa sakemm ġie organizzat skambju tal-priġunieri. Huwa ma kienx ittorturat fiżikament iżda kien bilqiegħda ħdejn persuni li ġew imweġġa' mill-interrogaturi, inklużi xi wħud li tkissrulhom idejhom.

Fedorov huwa magħruf sew mal-uffiċjali għas-self u l-inġiniera tal-Bank Ewropew tal-Investiment. Il-Bank ilu jgħin lill-belt u lir-reġjun tagħha ta' Zaporizhzhia sa mill-invażjoni Russa tal-2014, fejn bena mill-ġdid kindergartens, skejjel, ċentri mediċi u siti oħrajn f'Melitopol. Il-bosta snin ta' sħubijiet u proġetti ta' kostruzzjoni għenu lir-residenti jxaqilbu lejn l-Ewropa meta waslet ir-Russja.

**"Dan jikkonċerna t-titjib tal-kwalità tal-ħajja,"** jgħid Fedorov, meta ġie mistoqsi għaliex huwa jaħdem mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Aħna ningħataw għajnuna għan-negozju, it-turiżmu, il-loġistika. Nistgħu niżviluppaw aktar pjan għar-rikostruzzjoni, ma hemm l-ebda tolleranza għall-korruzzjoni u n-nies isiru jħobbu l-belt tagħhom u jiżviluppawha aktar."

# IL-BŻONNIJIET TAR-REFUĠJATI

## Il-pakkett ta' solidarjetà tal-BEI jgħin lill-awtoritajiet lokali fil-Polonja jappoġġaw lill-ospitanti u jadattaw l-infrastruttura għall-bżonnijiet tar-refuġjati

Hekk kif it-truppi Russi invadew, aktar minn 7.5 miljun refuġjat Ukren ħarbu u qasmu l-fruntiera lejn il-Polonja. Eluf ta' voluntiera Pollakki mmobilizzaw biex jgħinu lin-nies spostati u jilqgħuhom fid-djar, l-iskejjel u n-negozji tagħhom.

Issa l-Polonja qed taffaċċja sfida ġdida – li dawn li għadhom kif waslu jiġu akkomodati għal terminu ta' żmien aktar fit-tul.

"Għaxar xhur mill-bidu tal-gwerra, il-bżonnijiet tar-refuġjati nbidlu," jgħid Grzegorz Gajda, speċjalista anzjan fis-settur urban mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ospita ħames refuġjati Ukreni f'daru fil-Polonja. "Huma jeħtieġu impjiegi, dħul stabbli, edukazzjoni bla ħlas, u aċċess liberu għas-servizzi tas-saħħa u pubbliċi biex joħolqu ħajja ġdida fil-Polonja."

Biex jgħin jintegra r-refuġjati, il-bank tal-UE approva self ta' €2 biljun, iffirmat f'Ġunju 2022. Il-finanzjament sar taħt il-Pakkett ta' Solidarjetà għall-Ukrajna, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea.

### Adattament għal realtà ġdida

Il-Polonja laqgħet aktar minn 1.5 miljun refuġjat Ukren mill-bidu tal-gwerra. L-iskala tal-influss hija tali li l-popolazzjoni ta' Rzeszów, l-akbar belt fix-Xlokk tal-Polonja, żdiedet b'50%. Varsavja, Kraków u Gdańsk ukoll raw żidiet kbar.

"Meta l-entużjażmu lokali inizjali jbatti u r-riżorsi jispiċċaw, ikun hemm bżonn soluzzjoni sistemika," jgħid Tomasz Balawajder, konsulent legali mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Irid jiġi żgurat li s-settur pubbliku se jaħdem b'mod effiċjenti u jipprovdi appoġġ finanzjarju u benefiċċji soċjali lill-komunitajiet ospitanti u r-refuġjati."

### Appoġġ għall-isforzi tal-Polonja

L-integrazzjoni ta' miljuni ta' refuġjati teħtieġ żmien, ippjanar metikoluż, infrastruttura ġdida, u fondi.

Huwa għalhekk li inqas minn xahar wara l-invażjoni, il-gvern Pollakk stabbilixxa Fond ta' Għajnuna, operat minn Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment diġà ħareġ €600 miljun lill-Fond, bl-ewwel tranche ta' €2 biljun allokat. BGK iqassam il-fondi lill-gvernijiet lokali u lil entitajiet pubbliċi oħrajn.

"Kellna noħolqu forma ġdida ta' kooperazzjoni biex niġġeneraw riżorsi għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet biex nappoġġaw lir-refuġjati Ukreni u ngħinuhom iħossuhom bħal ċittadini Pollakki," jgħid Robert Faliński, direttur tal-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Fond ma' BGK.

# NIBNU L-EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA, BRIKKA BRIKKA

## Il-bliet u r-reġjuni madwar l-Ewropa kollha qed iqaċċtu l-kostijiet u l-emissjonijiet b'investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija

Erbgħa minn ħames binjiet fi Spanja jikkunsmaw aktar enerġija milli jeħtieġu. Unión de Créditos Inmobiliarios (UCI), sellief ipotekarju speċjalizzat minn Madrid, irid jibdel dan.

Il-programm tal-UCI għar-Rijabilitazzjoni tal-Enerġija Residenzjali għandu l-mira li jippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jnaqqas bin-nofs il-konsum totali tal-enerġija ta' madwar 3720 residenza f'Madrid, Barċellona u Sevilja.

"L-għan tagħna huwa li ntejbu l-effiċjenza fl-enerġija kemm fi Spanja u fil-Portugall, għas-sidien tad-djar u l-propjetarji ta' bini," tgħid Cátia de Almeida Alves, direttriċi għas-sostenibbiltà u r-responsabbiltà korporattiva mal-UCI.

Filwaqt li r-rinnovazzjoni ta' appartamenti hija vitali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-użu tal-enerġija, ftit proġetti jirċievu finanzjament. "Stħarriġ imwettaq mill-gvern Spanjol indika li 2.3% biss ta' dawn ir-rinnovazzjonijiet jirċievu finanzjament mill-banek," jgħid Isidoro Tapia, uffiċjal għas-self fi ħdan il-BEI. "Għalhekk, ir-rinnovazzjonijiet tal-bini minn assoċjazzjonijiet tas-sidien tad-djar huwa segment li bħalissa mhuwiex moqdi sew mill-finanzjament ta' partijiet terzi."

UCI qed jipprova jimla dan id-distakk finanzjarju b'€2.6 miljun mill-programm Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA), inizjattiva tal-BEI-UE li tipprovdi assistenza teknika għal investiment fl-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli f'bini u trasport urban.

### Ir-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku fil-Wallonia

It-tibdil fil-klima u prezzijiet għoljin tal-enerġija qed jimbottaw lill-iżviluppaturi biex jinsġu l-effiċjenza fl-enerġija fid-disinn, il-kostruzzjoni u l-materjali użati għall-bini.

B.E. FIN, ditta li hija l-propjetà tar-Reġjun ta' Wallonia tal-Belġju u s-Société Régionale d'Investissement de Wallonie (SRIW), waqqfet proġett imsejjaħ RenoWatt biex tippromwovi, toffri konsulenza u tgħin bl-implimentazzjoni ta' rinovazzjonijiet ta' bini pubbliku mal-Wallonia kollha. Il-proġett, li rċieva għotja ta' €3.5 miljun minn ELENA, għandu l-mira li jiġu rrinovati 500 binja f'262 muniċipalità u jiffranka madwar 35% tal-enerġija li qed tintuża bħalissa. Għandu l-potenzjal li jnaqqas 7 545 tunnellata ta' karbonju fis-sena.

### Iż-żarmar ta' pajpijiet tat-tisħin qodma fil-Litwanja

F'Vilnius, il-pajpijiet tat-tisħin immermrin mis-seklu li għadda jnixxu l-arja sħuna u jżidu r-riskju ta' inċidenti bħal nixi u tħarbit fit-tisħin fid-djar tan-nies.

Il-BEI qed jipprovdi faċilità ta' kreditu fuq terminu twil ta' €43 miljun lil Vilniaus Šilumos Tinklai, il-kumpanija li tipprovdi t-tisħin u l-misħun lil Vilnius, għax-xogħlijiet tal-modernizzazzjoni.

Il-pjanijiet jagħmlu sejħa wkoll għal impjant tal-enerġija ġdid li jaħdem bil-bijomassa u l-enerġija solari u l-installazzjoni ta' pompa tas-sħana tal-assorbiment effiċjenti. B'kollox, il-proġett se jaġġorna l-infrastruttura tat-tisħin għal 200 000 dar, biex b'hekk itejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju u sustanzi niġġiesa tal-arja oħrajn.

# F'ARMONIJA MAZ-ZEITGEIST

## Appoġġ ta' InvestEU għal proġett tal-akkomodazzjoni soċjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija f'Hannover jindirizza l-għoli tal-ħajja li dejjem qed jiżdied u n-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli

Imqanqal miż-żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel minn meta r-Russja invadiet lill-Ukrajna, il-persentaġġ ta' unitajiet domestiċi Ġermaniżi li jonfqu aktar minn 10% tad-dħul nett tagħhom fuq il-kontijiet tal-enerġija rdoppja mill-2021 għal 41%. Flimkien mal-iskarsezza ta' appartamenti ġodda u l-kirjiet li dejjem qed jogħlew, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni saret it-tieni l-akbar tħassib għall-Ġermaniżi minħabba l-kriżi tal-għoli tal-ħajja.

Il-pjan ta' Hannover, il-belt fit-Tramuntana, li jinbnew 640 appartament affordabbli ġdid għall-kiri li huma effiċjenti fl-użu tal-enerġija, huwa perfettament f'armonija maz-Zeitgeist, fejn it-tħassib dwar it-tibdil fil-klima huma enfasizzati b'mod prominenti. L-appartamenti l-ġodda, li se jinbnew u jkunu l-propjetà ta' hanova, il-kumpanija tal-akkomodazzjoni muniċipali tal-belt, se jinkludu 232 unità tal-akkomodazzjoni soċjali u 408 unità tal-akkomodazzjoni affordabbli.

"Bl-ekonomija dejjem tikber ta' Hannover, il-belt hija żona metropolitana attraenti," jgħid Karsten Klaus, kap eżekuttiv ta' hanova. "Minħabba n-numru ta' abitanti li qed jiżdied malajr u l-kriżijiet attwali, id-domanda għall-akkomodazzjoni affordabbli qiegħda tiżdied ukoll. Madankollu, m'hemmx biżżejjed provvista. Aħna ngħinu biex noħolqu akkomodazzjoni affordabbli u deċenti għan-nies bi dħul baxx u medju, biex għaldaqstant innaqqsu l-iżbilanċi fis-suq tal-akkomodazzjoni tal-belt."

### Rispons effiċjenti

82% tal-binjiet ġodda se jiġu ddisinjati biex jiksbu rendiment tal-enerġija tal-inqas 20% aħjar mill-istandard tal-bini ta' kważi enerġija żero tal-Ġermanja (KfW 55). Il-kumplament se jimmira għal rendiment tal-enerġija tal-inqas 10% aħjar minn dan l-istandard. Il-proġett huwa wkoll konformi mad-Direttiva tal-UE dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Filwaqt li djar ġodda effiċjenti fl-użu tal-enerġija se jfissru kontijiet tal-enerġija aktar baxxi għal inkwilini futuri u emissjonijiet tal-karbonju aktar baxxi, dawn mhumiex irħas biex jinbnew. Il-proġett ta' hanova huwa mistenni li jiswa madwar €200 miljun. Minħabba l-benefiċċji soċjali u ambjentali numerużi tiegħu, madankollu, dan huwa eżattament it-tip ta' proġett li l-Bank Ewropew tal-Investiment għandu l-mira li jappoġġa.

"Konna ħerqana li nkunu involuti f'dan il-proġett, billi b'mod evidenti dan jappoġġa żewġ għanijiet tal-politika tal-UE importanti – l-inklużjoni soċjali u l-azzjoni klimatika," jgħid Sotir Trambev, uffiċjal għas-self mal-Bank tal-UE. "Permezz ta' InvestEU, aħna rnexxilna noħolqu pakkett li jmur lil hinn minn dak kollu li stajna nagħmlu fil-passat għal dan is-settur."

Il-ftehim huwa l-ewwel investiment magħmul mill-programm InvestEU fil-Ġermanja. "Pakkett bħal dan ma kienx ikun possibbli mingħajru," jgħid Trambev.

# NIRMUNKAW IT-TURBINI ’L BARRA FIL-BAĦAR

## Port fin-Nofsinhar ta’ Franza jniedi espansjoni enormi biex jappoġġa żewġ parks eoliċi galleġġanti fil-Mediterran

It-turbini tar-riħ huma ġganti tal-azzar li jiżnu mijiet ta’ tunnellati. Fuq l-art, dawn jiddominaw il-pajsaġġi. Iżda immaġina tipprova tarma wieħed f’port tradizzjonali, fejn tiġbed it-turbina twila 100 metru u pali ta’ 90 metru għal fuq pjattaforma galleġġanti — u mbagħad tirmonka kollox bil-mod lejn park eoliku f’nofs il-baħar.

L-immanuvrar tat-turbini tar-riħ jeħtieġ ristrutturar ewlieni tal-infrastruttura tal-port iżda Port-la-Nouvelle jaħseb li jista’ jaffaċċja l-isfida. Il-port qrib Montpellier, fin-Nofsinhar ta’ Franza, tradizzjonalment kien jimmaniġġja ċ-ċereali u esportazzjonijiet agrikoli oħrajn iddestinati għall-Afrika ta’ Fuq. Issa, ir-reġjun ta’ Occitanie qed jinvesti €340 miljun, fejn €150 miljun minnhom qed jiġu pprovduti mill-Bank Ewropew tal-Investiment, biex jirrinova l-portijiet f’Sète u Port-la-Nouvelle. Il-pjanijiet jitolbu biex Port-la-Nouvelle jiġi ttrasformat f’ċentru Mediterran għall-kostruzzjoni, il-loġistika u l-appoġġ għal parks eoliċi galleġġanti offshore. Iċ-ċentru eventwalment se jipproduċi wkoll idroġenu ekoloġiku mill-enerġija nadifa ġġenerata mill-parks eoliċi.

“Dan jeħtieġ proċess industrijali u infrastruttura li huma differenti ħafna minn dak li nagħmlu normalment,” jgħid Didier Codorniou, direttur tal-affarijiet marittimi għar-reġjun Franċiż ta’ Occitanie.

### Nagħmlu l-wisa’ għall-ġganti

It-tranżizzjoni ta’ Port-la-Nouvelle hija parti minn strateġija ambizzjuża għall-enerġija rinnovabbli mfassla mir-reġjun ta’ Occitanie. Ir-reġjun qed jittama li jibbenefika mill-iżvilupp ta’ żewġ parks eoliċi galleġġanti offshore ppjanati fil-Mediterran, fejn il-produzzjoni tagħhom hija mistennija li tkopri l-bżonnijiet tal-enerġija ta’ 400 000 ruħ. L-Occitanie, li għandu wieħed mill-ogħla rati tal-qgħad fi Franza, iqis l-enerġija rinnovabbli bħala opportunità biex jagħti ħajja ġdida lill-ekonomija tradizzjonali tiegħu tal-agrikoltura, it-turiżmu u, aktar ’il ġewwa, l-ajruspazju.

“L-infrastruttura l-ġdida tappoġġa l-isforzi biex niżviluppaw attivitajiet tal-port aktar ekoloġiċi u niddekarbonizzaw il-produzzjoni tal-enerġija u, bħala tali, hija pass addizzjonali lejn il-kisba tal-għan tagħna għal newtralità karbonika fil-livell Ewropew,” tgħid Shirley Moussavou, l-uffiċjal għas-self fi ħdan il-BEI għall-proġett ta’ Port-la-Nouvelle. “Il-parks eoliċi galleġġanti offshore huma wkoll fuq quddiem nett tal-aġenda tat-tranżizzjoni tal-enerġija fi Franza.”

Minbarra l-finanzjament għal Port-la-Nouvelle, il-BEI qed jappoġġa wkoll il-parks eoliċi piloti — wieħed offshore minn Leucate-Le Barcarès, imħaddem minn Les Éoliennes Flottantes du Golfe du Lion, u ieħor qrib Gruissan, li se jkun imħaddem minn EolMed. Il-Bank iffirma self ta’ €85 miljun ma’ EolMed f’April u self ta’ €75 miljun ma’ Les Éoliennes Flottantes f’Mejju. Iż-żewġ selfiet huma appoġġati b’garanzija mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Il-Bank qed jipprovdi wkoll €50 miljun lit-tielet park offshore, ippjanat 40 kilometru lejn il-Punent ta’ Marsilja.

Port-la-Nouvelle jinsab ftit inqas minn 20 kilometru mill-parks imħaddmin minn Les Éoliennes Flottantes u EolMed. Id-distanza relattivament qasira bejn il-port u l-parks eoliċi tnaqqas ir-riskji involuti fit-trasport tal-istrutturi enormi fil-baħar.

Ir-reġjun ta' Occitanie, li jinkludi ż-żona minn madwar Toulouse, 'l isfel lejn Spanja u 'l fuq lejn Montpellier, huwa magħruf għat-temp tajjeb tiegħu. Iżda huwa magħruf ukoll għar-riħ tiegħu, il-famuż mistral, riefnu qawwi mill-Majjistral li jonfoħ min-Nofsinhar ta' Franza fil-Golf ta' Lion, fejn jinsabu l-parks eoliċi.

Filwaqt li dawk l-irjieħ huma tajbin għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, huma terribbli biex turbina ta' 600 tunnellata tinżamm stabbli fuq floater ta' 90x90 metru. Sabiex ikun jista' jarma t-turbini fuq il-floaters, il-baċin ewlieni tal-port irid ikun protett minn mewġ għoli u jipprovdi biżżejjed spazju għall-manipulazzjoni tat-turbini. Il-ħażna tal-partijiet għat-turbini tar-riħ, il-pali u l-floaters teħtieġ ukoll mollijiet tat-tagħbija kbar ħafna. "Il-ħażna hija tassew il-fattur vitali," jgħid Julien Ciglar, maniġer tal-proġett għal enerġiji rinnovabbli marini fl-Aġenzija Reġjonali ta' Occitanie għall-Iżvilupp Ekonomiku.

## Problema loġistika

It-turbini tar-riħ, il-pali u infrastruttura oħra għandhom tendenza li jiġu ttrasportati bil-baħar minn fabbriki madwar l-Ewropa kollha. Wieħed mill-fornituri ewlenin tat-turbini tar-riħ għall-parks piloti huwa Vestas, li għandu s-sit ewlieni tal-produzzjoni fid-Danimarka. It-trasport bil-baħar fisser li d-daħla tal-port kellha titkabbar biex takkomoda bastimenti b'tul ta' bejn 100 u 200 metru.

Biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-parks eoliċi, il-port ippjana tkabbir u rinnovazzjoni li jinkludu l-kostruzzjoni ta' pjattaforma ta' 250 metru b'saħħitha biżżejjed biex tappoġġa krejnijiet tqal, l-estensjoni ta' digi li jdawru l-port biex jagħmlu l-port intern tiegħu aktar fond, u l-kostruzzjoni ta' terminal addizzjonali għall-immuntar tat-turbini tar-riħ u l-faċilitajiet tal-ħżin. L-ewwel fażi tal-kostruzzjoni hija mistennija li titlesta fl-2023.

## Ambizzjonijiet rinnovabbli

Qabel ma tħabbru l-parks eoliċi piloti, Port-la-Nouvelle kien qed isib diffikultajiet biex jerġa' jiddefinixxi ruħu. In-negozju kien qed ibatti. In-negozju ewlieni tal-port fl-esportazzjonijiet taċ-ċereali kien qed jonqos, u l-port ma kellux l-infrastruttura biex jakkomoda bastimenti akbar li jittrasportaw l-idrokarburi bħall-fjuwils fossili u s-sustanzi kimiċi.

Ir-reġjun tal-madwar tal-Pirinej tal-Lvant għandu industrija limitata u l-qagħad huwa kważi 10%. Li n-negozju tal-port jinqaleb lejn l-enerġija rinnovabbli offra opportunità biex "l-ekonomija taż-żona tingħata ħajja ġdida," jgħid Codorniou. "Dan offra ċans biex nittrasformaw il-mudell tagħna u mezz biex niddekarbonizzaw," huwa jgħid, "filwaqt li permezz tiegħu jinħolqu wkoll impjiegi fir-reġjun."

Il-proġetti piloti immedjati huma mistennija li joħolqu madwar 300 impjieg full-time. Il-gvern Franċiż madankollu għandu pjanijiet kbar għar-riħ offshore. Il-pjanijiet inizjali jitolbu żewġ parks piloti bi tliet turbini tar-riħ kull wieħed. Iżda sal-2030, il-gvern Franċiż qed jippjana li jespandi l-parks, billi joħloq park eoliku galleġġanti ta' 250 MW fin-nofs tal-Golf ta' Lion, li eventwalment se jipprovdi enerġija għal aktar minn 400 000 ruħ. Park eoliku galleġġanti ieħor ta' daqs simili huwa ppjanat lil hinn mill-kosta ta' Marsilja.

"Ir-reġjun għandu ambizzjoni soda li Port-la-Nouvelle jsir il-port tat-tranżizzjoni tal-enerġija, mhux biss għal Franza, iżda għall-Mediterran inġenerali," jgħid Ciglar.

### Xaqliba lejn l-idroġenu ekoloġiku

L-infrastruttura u l-appoġġ li Port-la-Nouvelle se jipprovdi għall-parks eoliċi jagħmel parti minn strateġija reġjonali akbar biex jinħoloq ċentru tal-enerġija rinnovabbli. Konsorzju msejjaħ Wind'Occ ġabar flimkien 170 ditta u 25 istituzzjoni akkademika u laboratorji mir-reġjun biex jappoġġaw l-industrija emerġenti tal-enerġija mir-riħ.

Ir-reġjun qed jiffoka wkoll fuq l-idroġenu ekoloġiku. Fl-2019, huwa adotta Pjan tal-Idroġenu Ekoloġiku ta' €150 miljun, li jippjana li joħloq l-infrastruttura għall-produzzjoni, il-ħażna u d-distribuzzjoni tal-idroġenu, u biex l-enerġija tintuża biex topera t-trasport lokali bħall-karozzi tal-linja u l-ferroviji. Proġett relatat, Corridor H2, se jiżviluppa network ta' stazzjonijiet tad-distribuzzjoni tal-idroġenu fl-Occitanie tul it-triq li tmur mill-Mediterran sal-Baħar tat-Tramuntana. Il-BEI qed jislef €40 miljun lill-proġett Corridor H2.

"Ir-reġjun jista' juri lil żoni oħra ta' Franza kif jiżviluppaw dawn it-tipi ta' attivitajiet," jgħid José Rino, espert fid-diviżjoni tat-Trasport tal-Ajru, Marittimu u Innovattiv fi ħdan il-BEI.

> **"Ir-reġjun għandu ambizzjoni soda li Port-la-Nouvelle jsir il-port tat-tranżizzjoni tal-enerġija, mhux biss għal Franza, iżda għall-Mediterran inġenerali."**
>
> Julien Ciglar, maniġer tal-proġett għal enerġiji rinnovabbli marini fl-Aġenzija Reġjonali ta' Occitanie għall-Iżvilupp Ekonomiku

# INKATTRU L-INNOVAZZJONI FL-ENERĠIJA MIR-RIĦ

## Il-pressjonijiet tal-prezzijiet u l-ambjenti estremi qed jimbuttaw lil dawk li jagħmlu t-turbini biex ikunu innovattivi

Għall-manifatturi tat-turbini tar-riħ bħal Vestas, l-ambjent tas-suq li fih joperaw jista' jkun ferm diffiċli bħall-baħar imqalleb u l-irwiefen li l-prodotti tagħhom iridu jirreżistu. Wara snin ta' appoġġ pubbliku, l-industrija qiegħda tikkonsolida b'rispons għall-pressjonijiet tal-prezzijiet.

Parti minn dik il-pressjoni ġejja mill-iżviluppaturi tal-parks eoliċi li spiss iwiegħdu prezzijiet baxxi fuq l-elettriku prodott mill-parks eoliċi. L-Iżviluppaturi mbagħad jagħmlu pressjoni fuq dawk li jagħmlu t-turbini. Il-prezzijiet li qed jogħlew għall-materja prima huma uġigħ ta' ras ieħor.

Fl-istess ħin, dawk li jagħmlu t-turbini jinvestu ħafna fir-riċerka u l-iżvilupp biex itejbu r-rendiment tat-tagħmir tagħhom u biex jissodisfaw id-domanda għal parks eoliċi ġodda f'ambjenti dejjem aktar estremi.

"L-industrija qed taffaċċja pressjoni severa fuq il-prezzijiet," jgħid Matteo Fusari, inġinier anzjan u konsulent prinċipali mal-Bank Ewropew tal-Investiment, li qed jiffinanzja lil Vestas. "Hija tal-ikbar importanza għall-manifatturi tat-tagħmir Ewropej li jisfruttaw is-sinerġiji bejn il-pjattaformi tal-prodotti, inaqqsu l-komplessità tal-prodotti u jottimizzaw il-produzzjoni globali, il-proċessi tal-akkwisti u l-impronti biex jiżguraw il-kompetittività tagħhom."

Il-kumpanija Daniża Vestas tmexxi s-suq tat-turbini tar-riħ globalment, b'madwar 15% tas-suq. Iżda ftit warajha hemm il-ġganti bħal Xinjiang Goldwind Science & Technology taċ-Ċina bi 13% u GE Renewable Energy bi 12%. "Vestas hija waħda minn ta' quddiem nett," tgħid Delia Fornade, uffiċjal għas-self fi ħdan il-BEI li ħadmet fuq il-proġett.

Il-BEI silef €475 miljun lil Vestas biex jappoġġa attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni mwettqa fl-Unjoni Ewropea mill-2022 sal-2025. Is-self, li ġie ffirmat f'Lulju u li diġà nħareġ, ikopri madwar nofs il-baġit ta' €952 miljun għar-riċerka u l-iżvilupp tal-kumpanija għal dak il-perjodu.

Il-proġett jiffoka fuq bosta oqsma. L-ewwel qasam qed jiżviluppa buttuni tar-rotor u pali ġodda li jistgħu jirreżistu għal klimi kesħin jew kundizzjonijiet tat-temp estremi, u jissimplifika l-prodotti biex jaċċellera t-tnedija tagħhom. It-tieni qed joħloq disinni ġodda għal pjattaformi kondiviżi u modulari għal turbini tar-riħ fuq l-art biex jagħmluhom aktar adattabbli għal kundizzjonijiet differenti. It-tielet qasam jiffoka fuq pjattaformi modulari ġodda għal turbini tar-riħ offshore, biex il-kumpanija tkun tista' tisfrutta s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala b'avvanzi fil-prodotti fuq l-art tagħha.

Is-self ta' Vestas ġie fi żmien kritiku fit-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Ewropa. Ix-xewqa tal-Ewropa li ttemm id-dipendenza tagħha fuq iż-żejt u l-gass Russi reġa' kebbes l-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli bħall-enerġija mix-xemx u mir-riħ, fejn il-prezzijiet ta' dawn qed isiru aktar kompetittivi.

# IL-ĠEJJIENI FIL-FJUWIL

## Permezz tat-tankijiet tal-ħżin ġodda u t-teknoloġiji tal-awtomatizzazzjoni ta' kumpanija Franċiża, se jkun aktar faċli biex il-karozzi u t-trakkijiet jaħdmu bl-idroġenu

Faurecia, kumpanija kbira li tissupplixxi parts tal-karozzi bbażat ħdejn Pariġi, temmen li l-idroġenu ekoloġiku jista' jforni kważi 20% tad-domanda tal-enerġija tad-dinja sal-2050, fejn effettivament jelimina sitt gigatunnellati ta' emissjonijiet karboniċi kull sena. Sal-2030, hija tistma li 5 miljun vettura mgħammra bit-teknoloġija taċ-ċelluli tal-fjuwil diġà se jkunu fuq it-toroq.

Faurecia hija kumpanija minn ta' quddiem nett fit-tankijiet tal-ħżin tal-idroġenu għal karozzi, trakkijiet u stazzjonijiet tas-servizzi kbar. Għandha l-mira li tgħin lill-industrija tal-karozzi tibda tuża l-idroġenu ferm aktar malajr. Il-kumpanija qed taħdem ukoll fuq sistemi taċ-ċelluli tal-fjuwil tal-idroġenu u qed tiżviluppa teknoloġija għal sewqan awtomatizzat. Permezz ta' dawn l-innovazzjonijiet kollha, l-idroġenu jkun jista' jintuża f'bosta tipi ta' vetturi, iżda speċjalment f'vetturi heavy-duty u off-road magħmula b'magni b'potenza ta' żwiemel għolja li jikkonsmaw ħafna fjuwil fossili.

"It-teknoloġiji rivoluzzjonarji bħall-idroġenu se jkollhom rwol kruċjali fit-trasformazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-karozzi," jgħid Antonello Locci, konsulent għal proġetti ta' innovazzjoni u manifattura avvanzata mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

It-trasport huwa l-akbar produttur tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni Ewropea, li jkopri madwar 31% tat-total. Billi jikkombinaw l-arja u l-idroġenu, iċ-ċelluli tal-fjuwil tal-idroġenu jistgħu jipproduċu l-elettriku kollu li vettura teħtieġ biex topera. Iżda ċ-ċelluli tal-fjuwil jemettu biss sħana u ilma, mhux dijossidu tal-karbonju jew sustanzi niġġiesa oħrajn.

Iċ-ċelluli tal-fjuwil għandhom vantaġġi oħrajn meta mqabbla ma' magni tal-kombustjoni. Huma aktar qawwija u effiċjenti fl-użu tal-enerġija mill-fjuwils fossili, jaħdmu b'mod silenzjuż u jeħtieġu inqas ħin biex jiċċarġjaw, u għaldaqstant jipprovdu l-istess flessibbiltà daqs il-karozzi b'magni tradizzjonali.

Sabiex jgħin lill-industrija tal-karozzi tittrasforma, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' €315 miljun għal Faurecia f'Lulju 2022. Dan il-finanzjament jagħmel parti mill-programm InvestEU, imfassal biex jagħti spinta għall-innovazzjoni u joħloq aktar impjiegi. "InvestEU jtaffi r-riskju, billi jkun possibbli li jiġu offrut self akbar fuq terminu twil lil kumpaniji f'setturi ewlenin tal-ekonomija," tgħid Nor Mebkhout, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Bl-appoġġ tal-Bank, Faurecia se tkompli tiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' tankijiet tal-ħżin tal-idroġenu biex jintużaw fil-vetturi u fl-istazzjonijiet tas-servizzi. Se ttejjeb ukoll l-awtonomija u r-riċiklabbiltà tal-prodotti tagħha.

Il-proġett ta' Faurecia se joħloq ukoll impjiegi u jgħin partijiet tal-Lvant u taċ-ċentru u t-Tramuntana ta' Franza biex isiru aktar kompetittivi ekonomikament.

# EKOLOĠIJA LOKALI F'ĊIPRU

## Proġett ta' riġenerazzjoni urbana għandu l-mira li jrendi l-muniċipalitajiet aktar ekoloġiċi, jagħti spinta lill-ekonomija u jtejjeb il-ħajjiet tan-nies

Ċipru jrid inaqqas l-emissjonijiet tagħha u ssir aktar ekoloġika, billi jibda bi proġetti li jittrasformaw il-bliet u l-irħula tiegħu. Iżda din hija biċċa xogħol kumplessa li tieħu fit-tul u tiswa ħafna.

"Il-muniċipalitajiet iridu jimplimentaw għadd ta' investimenti ekoloġiċi u jintroduċu teknoloġiji aktar ekoloġiċi," jgħid Michalis Socratous, is-segretarju ġenerali tal-Unjoni tal-Muniċipalitajiet ta' Ċipru. "Aħna rrealizzajna li biex nagħmluhom aktar ekoloġiċi, l-ewwel kellna naġġornaw u nirristrutturaw iż-żoni urbani, nirrinovaw il-binjiet u l-ispazji pubbliċi, u nirrendu t-trasport pubbliku aktar sostenibbli."

Il-Pjan Strateġiku Muniċipali għall-Iżvilupp Sostenibbli huwa inizjattiva li għandha l-mira li tagħmel dan. Imwaqqaf mill-gvern Ċiprijott u l-Unjoni tal-Muniċipalitajiet ta' Ċipru, dan se jiffinanzja bosta proġetti biex jiġu rriġenerati u rrijabilitati muniċipalitajiet madwar Ċipru.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa l-pjan b'qafas ta' self ta' €150 miljun li ġie ffirmat f'Novembru, u b'assistenza teknika permezz taċ-Ċentru ta' Konsulenza.

"Qafas ta' self bażikament huwa investiment 'umbrella' li permezz tiegħu aħna nistgħu niffinanzjaw għexieren jew anke mijiet ta' proġetti ewlenin," jgħid Nicos Yiambides, uffiċjal anzjan għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Dan jippermettilna wkoll li nappoġġaw proġetti iżgħar u muniċipalitajiet li tradizzjonalment kieku ma jibbenefikawx mill-finanzjament tagħna."

### X'inhuma l-benefiċċji tar-riġenerazzjoni urbana?

Jekk titwettaq b'suċċess, ir-riġenerazzjoni urbana tista' toħloq spazji urbani aktar ekoloġiċi filwaqt li ttejjeb b'mod sinifikanti l-ħajjiet tan-nies li jgħixu u jaħdmu fil-belt.

Bis-saħħa ta' infrastruttura mtejba, iż-żoni urbani jsiru aktar attraenti bħala lokalitajiet għan-negozju u destinazzjonijiet turistiċi, li jagħtu spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Tikkontribwixxi wkoll għall-benesseri tar-residenti li se jgawdu edukazzjoni, servizzi pubbliċi u faċilitajiet rikreattivi mtejba.

Nieħdu bħala eżempju r-riġenerazzjoni urbana taċ-ċentru storiku ta' Limassol, it-tieni l-akbar belt ta' Ċipru. Il-proġett, li tlesta fl-2013, irrestawra binjiet storiċi u spazji urbani għall-ġmiel antik tagħhom, tejjeb il-ġestjoni tat-traffiku, ħoloq żoni pedonali, u bena konnessjonijiet ġodda tal-elettriku, tat-telekomunikazzjoni u tal-ilma.

Il-Pjan Strateġiku Muniċipali għall-Iżvilupp Sostenibbli għandu l-mira li jagħmel l-istess ħaġa fuq skala nazzjonali. B'appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investiment, il-gvern Ċiprijott se jimplimenta proġetti li se jibnu mill-ġdid spazji pubbliċi u żoni ekoloġiċi, itejbu l-mogħdijiet tar-roti u n-networks tat-trasport pubbliku, jirrinovaw il-binjiet pubbliċi, jaġġornaw in-networks tad-drenaġġ u tal-ilma, jirriġeneraw żoni urbani degradati, u joħolqu bliet intelliġenti billi jużaw soluzzjonijiet diġitali biex joffru servizzi pubbliċi aħjar u aktar effiċjenti.

# L-AĦĦAR MIL EKOLOĠIKU

## L-akbar operatur loġistiku tal-Italja jissostitwixxi l-vetturi tradizzjonali bi flotta b'emissjonijiet żero biex iwassal il-posta u l-pakketti, sabiex inaqqas l-emissjonijiet

L-arja hija friska u ċara tard fil-ħarifa, iżda għadha s-sħana f'Ruma. Ix-xemx qed tinfed mis-sħab fuq id-djar kulur il-fuħħar fi triq dejqa tad-distrett residenzjali ta' Bravetta. Żewġ triċikli elettriċi, bejn wieħed u ieħor id-daqs ta' golf buggy, għaddejjin kwieti kwieti jgħinu lill-ħaddiema tal-posta jwasslu l-ittri u l-pakketti fuq ir-rondi tagħhom.

Mijiet ta' triċikli u vetturi elettriċi dalwaqt se jimlew xi tużżana distretti f'Ruma, li minnhom 57 se jkunu fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni ta' Maggiolino, li jaqdi n-Nomentano fejn tgħix Anna Manghetti. "Huwa tassew eċċitanti tara dawn it-triċikli l-ġodda jsiru parti mill-konsenji ta' kuljum tagħna," hija tgħid, "kawża tajba biex naħdmu għaliha."

Manghetti hija l-kap tal-finanzi fi ħdan Poste Italiane, l-akbar operatur loġistiku fil-pajjiż u attur ewlieni fis-settur finanzjarju, tal-assigurazzjoni u s-servizzi tal-pagamenti. Bis-saħħa ta' self ta' €100 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment f'Marzu, Poste Italiane seta' jissostitwixxi l-flotta tradizzjonali tal-fjuwil u l-petrol bi triċikli u vetturi b'emissjonijiet żero.

"Bħala l-bank tal-UE għall-klima, aħna kburin li nappoġġaw il-pjan tad-dekarbonizzazzjoni ambizzjuż ta' Poste Italiane," jgħid Giovanni Aldeghi, l-uffiċjal anzjan mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq **l-akbar finanzjament li qatt sar mill-bank tal-UE għal pjattaforma ta' mobbiltà b'emissjonijiet żero**.

### Kemm hu ekoloġiku l-pakkett tiegħek?

Il-parti l-aktar komplikata tal-vjaġġ ta' pakkett mill-maħżen sal-għatba tal-bieb hija dak li jissejjaħ "l-aħħar mil", il-pass finali fil-proċess tal-konsenja minn ċentru tad-distribuzzjoni sar-riċevitur.

Biż-żieda kbira fix-xiri online sa mill-pandemija tal-COVID-19, l-emissjonijiet tal-karbonju relatati mat-trasport marru għall-agħar. Il-bliet u l-kumpaniji tal-loġistika kellhom problemi bi vjaġġi ta' konsenji żejda, konġestjoni, parkeġġ u tħassib tar-residenti lokali dwar storbju u tniġġis tal-arja.

Li kieku l-konsenja tal-aħħar mil kienet aktar effiċjenti u ekoloġika, il-bliet kieku jkunu aktar sani u aktar komdi għall-għajxien. L-idea bdiet tberren f'ras Manghetti matul is-sajf tal-2020.

Il-proġett tal-Mobbiltà Ekoloġika ta' Poste Italiane ġie ssorveljat mill-Kap Eżekuttiv Matteo Del Fante u t-tim li jirrapporta lill-Kap Uffiċjal Finanzjarju Camillo Greco bl-appoġġ ta' Giuseppe Lasco, komaniġer ġenerali, u Marcello Grosso, kap tal-iżvilupp sostenibbli, tar-riskju u tal-konformità tal-grupp.

Il-proġett Mobbiltà Ekoloġika jikkonċerna s-sostituzzjoni tal-vetturi tradizzjonali tal-fjuwil u l-petrol tal-kumpanija b'4 150 vettura elettrika għal konsenji fil-bliet u l-madwar tagħhom. Dan jinkludi wkoll l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar assoċjati u l-pjattaforma tal-IT bi spiża totali ta' €145 miljun.

### Finanzjament uniku

Is-self tal-bank tal-UE lil Poste Italiane għandu għadd ta' karatteristiċi uniċi. L-ewwel nett, dan ikopri t-tariffi tal-kiri għat-tiġdid tal-flotta elettrika, l-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar assoċjati u l-pjattaforma tal-IT. Jiffinanzja wkoll it-tariffi tal-kiri tal-flotta elettrika, li huma meqjusa fl-assi bħala drittijiet tal-użu.

> **"Dan huwa l-ġejjieni."**
>
> **Tiago Lopes, inġinier anzjan, BEI**

Biex jgħin lil Poste Italiane tħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika tagħha, il-Bank qed jiffinanzja wkoll 69% tal-proġett, li huwa sostanzjalment aktar mil-limitu ta' finanzjament standard tal-Bank ta' 50%.

Il-pjan huwa ambizzjuż: li l-emissjonijiet prodotti jitnaqqsu b'40% mill-flotta tal-konsenji postali. L-għan aħħari huwa n-newtralità karbonika sal-2030, li huwa qabel iż-żmien stipulat mill-Unjoni Ewropea.

## Mhux biss vetturi elettriċi

Min-nofs Ottubru 2022, 1 100 vettura elettrika kienu diġà qed iwasslu l-posta f'70 belt u raħal Taljani, inklużi Torino, Firenze, Trieste, Bologna, Napli u, ovvjament, Ruma.

L-elettriku użat biex dawn il-vetturi jiġu ċċarġjati ġej minn sorsi rinnovabbli. Il-proġett se jnaqqas it-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-istorbju fiċ-ċentri tal-belt, u jiffranka 3 000 tunnellata ta' emissjonijiet tal-karbonju kull sena. Dan huwa ekwivalenti għall-emissjonijiet medji ta' 3 000 passiġġier fuq titjiriet bir-ritorn minn Pariġi għal New York.

Biex tnaqqas aktar l-impatt ambjentali tagħha, Poste se tuża wkoll il-finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex tappoġġa l-pjattaforma tal-IT tagħha. Il-mudell innovattiv jottimizza r-rotta tal-ħaddiema postali skont it-traffiku tal-posta, id-distanza, it-tip ta' triq, ir-restrizzjonijiet tat-traffiku u l-volum tal-pakketti. L-ippjanar tar-rotta jintegra l-limiti tal-medda tas-sewqan tal-vetturi elettriċi u d-disponibbiltà tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar.

"Is-suċċess ta' dan il-proġett jiddependi fuq l-interpretazzjoni ta' ammont kbir ta' *data* miġbura f'ħin reali," jgħid Tiago Lopes, inġinier anzjan mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq dan il-proġett. "Dan huwa l-ġejjieni."

# INNOVAZZJONI U AWTONOMIJA

"Il-BEI huwa fornitur kburi ta' finanzjament katalitiku għall-innovazzjoni Ewropea, fejn irawwem sistemi tas-saħħa indipendenti, reżiljenti u siguri għaċ-ċittadini Ewropej filwaqt li jappoġġa wkoll il-ġojjelli tal-bijoteknoloġija u t-teknoloġija medika tal-Ewropa. Din il-pożizzjoni ssaħħet matul il-pandemija riċenti tal-coronavirus, fejn il-BEI kkontribwixxa aktar minn €1.6 biljun f'finanzjament għal proġetti tax-xjenzi tal-ħajja fl-2021, inkluż għal BioNTech, żviluppatur tal-vaċċin mRNA tal-COVID-19. Il-ħidma tagħna tgħin ukoll biex taċċellera l-kummerċjalizzazzjoni ta' riċerka fundamentali, tmexxi l-iżvilupp tal-proprjetà intellettwali u tappoġġa l-ħolqien u t-tkabbir ta' prodotti innovattivi għal ħtiġijiet mediċi mhux sodisfatti li jgħinu jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-pazjenti fl-Ewropa u madwar id-dinja."

**Dana Burduja**, kap tax-xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa, BEI

"Jekk l-Ewropa trid awtonomija ekonomika, ikollha tinvesti sostanzjalment fl-innovazzjoni u fit-teknoloġiji ewlenin għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija tagħha, b'mod partikolari iċ-chips, iċ-ċentri tad-data u ċ-ċibersigurtà. Id-diġitalizzazzjoni hija inevitabbli, tasal qabel milli mistenni, u taffettwak aktar milli taħseb. Iżda teħtieġ li tinvesti biex tgawdi l-benefiċċji."

**Harald Gruber**, kap tal-infrastruttura diġitali, BEI

L-innovazzjoni hija vitali għall-prosperità ekonomika, l-awtonomija u l-għanijiet tal-klima tal-Ewropa li ma jistgħux jitwettqu sempliċement bit-teknoloġiji tal-lum biss.

L-appoġġ finanzjarju u tekniku tagħna għen lil kumpaniji Ewropej jiksbu għanijiet rivoluzzjonarji f'oqsma li jvarjaw mill-parks eoliċi galleġġanti sal-vaċċini mRNA. Dan inaqqas ukoll il-ħtieġa li l-intraprendituri, ix-xjentisti u l-inġiniera Ewropej jirrikorru għall-kapital barrani, biex għaldaqstant tittejjeb l-awtonomija tagħna fis-setturi strateġiċi.

# IL-PITRAVI BIEX NEGĦLBU L-MARD

## Ditta Franċiża qed tkabbar pjanti li jirreżistu t-tibdil fil-klima u jeħtieġu inqas pestiċidi u fertilizzanti

Il-projbizzjoni tal-UE fuq in-neonikotinojdi, insettiċida użat biex jipproteġi l-pjanti bħall-pitravi zokkrin minn mard imxerred mill-afidi, donnha kienet idea tajba fl-2018. L-insettiċida nstab li kien qed jagħmel ħsara lill-popolazzjonijiet tan-naħal, u l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li tipprojbixxi n-neonikotinojdi bħala parti minn spinta akbar għal agrikoltura aktar sostenibbli.

Iżda l-projbizzjoni wasslet għall-qerda bis-suffejra ta' xi għelieqi tal-pitravi zokkrin, li naqqas il-ħsad f'wieħed mill-akbar produtturi taz-zokkor mill-pitravi fid-dinja u li hedded l-industrija. Bħala riżultat, Franza reġġgħet lura l-projbizzjoni sal-2023.

Dak mhux biżżejjed żmien. Biex tiżviluppa varjetajiet ta' pjanti ġodda normalment trid bejn seba' u għaxar snin. Il-Florimond Desprez Group, nissiel tal-pjanti u produttur taż-żrieragħ fit-Tramuntana ta' Franza, qed jaħdem qatigħ fuq il-problema. Il-kumpanija ilha tnissel pitravi zokkrin għal kważi 200 sena, u qed tuża l-esperjenza profonda tagħha biex tiżviluppa pjanta li tista' tirreżisti s-suffejra, filwaqt li xorta tmantni r-reżistenza naturali tagħha għal pjagi oħrajn bħall-virus tar-rhizomania.

Hija tellieqa li għandha implikazzjonijiet għal pjanti u żoni tal-agrikoltura oħrajn.

"Biex l-agrikoltura tkun aktar sostenibbli, jeħtieġ li nużaw inqas fertilizzant tan-nitroġenu, li għandu impronta karbonika sinifikanti, u inqas pestiċidi," jgħid Marin Desprez, direttur tal-istrateġija tal-grupp fi ħdan il-Florimond Desprez Group. "Jekk varjetà ta' pjanta tkun naturalment reżistenti jew tolleranti għal marda, ma jkollokx bżonn tuża sustanzi kimiċi biex tipproteġiha."

L-agrikoltura hija taħt pressjoni minħabba t-tibdil fil-klima, il-ħtieġa li titnaqqas l-impronta ambjentali tagħha u l-isfida li titma' popolazzjoni dinjija li dejjem qiegħda tikber. It-tnissil ta' pjanti li jeħtieġu inqas riżorsi jew trattamenti kimiċi, iżda li xorta jipproduċu biżżejjed ikel f'kundizzjonijiet dejjem aktar diffiċli, se jkun essenzjali.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp ta' Florimond Desprez, primarjament fi Franza u l-Belġju, b'self ta' €40 miljun li ġie ffirmat f'April. Is-self huwa appoġġat b'garanzija mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li issa jagħmel parti mill-Fond InvestEU.

"Is-settur jeħtieġ ħafna investiment, u l-finanzjament mhux disponibbli faċilment, b'mod partikolari meta ma tkunx kumpanija kbira," tgħid Zeina Chebli, l-uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment responsabbli mill-proġett.




Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi

> **"Jekk varjetà ta' pjanta tkun naturalment reżistenti jew tolleranti għal marda, ma jkollokx bżonn tuża sustanzi kimiċi biex tipproteġiha."**
>
> **Marin Desprez, direttur tal-istrateġija tal-grupp fi ħdan il-Florimond Desprez Group**

## It-tnissil ta' pjanti għal sekli sħaħ

Florimond Desprez huwa negozju tal-familja tipiku. Il-familja Desprez waqqfet l-impriża fl-1830 — ħames ġenerazzjonijiet ilu — f'Cappelle-en-Pévèle, raħal fin-Nofsinhar ta' Lille. In-negozju bbenefika minn industrija tal-pitravi zokkrin li kibret sew bis-saħħa ta' appoġġ minn Napuljun Bonaparte. Matul is-snin, id-ditta ddiversifikat fl-għelejjel bħaċ-ċikwejra industrijali, il-patata u l-qamħ.

"Permezz tas-self, aħna ngħinuhom jibqgħu kompetittivi u jindirizzaw sfidi ambjentali ewlenin tas-settur agrikolu — bħall-adattament għat-tibdil fil-klima — filwaqt li nappoġġaw iż-żoni rurali, partikolarment fit-Tramuntana ta' Franza," jgħid Sébastien Collot, inġinier anzjan fit-tim tal-bijoekonomija tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-idea wara t-tnissil tal-pjanti hija relattivament sempliċi. Varjetà ta' qamħ, pereżempju, li tagħmel ħobż partikolarment tajjeb jew iqarmeċ, tiġi inkroċjata ma' varjetà oħra li hija partikolarment b'saħħitha jew reżistenti għall-mard. Ir-riċerkaturi jdakkru varjetà waħda mal-oħra bl-idejn, u joħolqu pjanta ibrida. L-għadd kbir ta' rimjiet li jitnisslu minn dik il-pjanta ibrida mbagħad jinżergħu u jiġu osservati, biex jiġi żgurat li l-karatteristiċi mixtieqa — ħobż tajjeb u reżistenza għall-mard — jistgħu jinsabu fil-pjanta l-ġdida.

## Agrikoltura taħt pressjoni

Għal dawn l-aħħar 40 sena, l-agrikoltura rnexxilha tlaħħaq mal-isplużjoni fil-popolazzjoni tad-dinja. Iżda l-innovazzjoni se jkollha taħdem aktar biex l-agrikoltura tkun tista' tissodisfa d-domanda futura għall-ikel. "Għandna taħlita ta' fatturi, b'inqas art disponibbli fid-Dinja, aktar nies u kundizzjonijiet klimatiċi avversi li dejjem qed jiżdiedu," jgħid Collot mill-Bank Ewropew tal-Investiment. "Għalhekk, ir-riċerka hija importanti."

Ir-riċerka hija wkoll imperattiva għall-immaniġġjar ta' pesti u pestilenza li normalment ma jaffettwawx l-Ewropa tat-Tramuntana. Il-bdiewa sabu sadid iswed *(Puccinia gramninis)* fuq il-qamħ fir-reġjun ta' Champagne fi Franza s-sena li għaddiet, marda li għal 20 sa 30 sena kienet teżisti biss fil-Marokk. L-insetti li kienu jmutu matul ix-xitwa issa qed jgħixu u jimmultiplikaw, bis-saħħa parzjalment tat-tibdil fil-klima. "L-impatti huma qawwijin f'termini tar-rendimenti tal-għelejjel," jgħid Desprez. "Huma qawwijin f'termini ta' mard ġdid u t-trawma li l-bdiewa jesperjenzaw, u jpoġġu s-sigurtà tal-ikel tagħna fil-periklu."

Bil-pressjoni estrema fuq l-agrikoltura, huwa faċli li tkun beżgħan għall-ġejjieni. Iżda Desprez jgħid li fokus imġedded fuq l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' varjetajiet ta' pjanti jippreżenta opportunitajiet enormi. "Ninsab fiduċjuż li x-xogħol tagħna, li għandu utilità soċjali reali, se jappoġġa għamla aktar sostenibbli ta' agrikoltura u awtonomija alimentari aħjar fl-Ewropa," huwa jgħid.

# XI ĦADD IRID IL-KAPITAL TA' RISKJU GĦALL-IKEL?

## Nitimgħu dinja mġewħa bil-kapital ta' riskju

L-annimali jbatu mill-parassiti. Biex jeliminawhom, il-bdiewa jkollhom jibagħtu kampjuni tal-ħmieġ tal-annimali lil laboratorju u jistennew sa ħamest ijiem għar-riżultati. Iżda spiss, huma sempliċement jagħtu doża ta' mediċina lill-merħla kollha. "Użu żejjed tal-mediċini jista' jaffettwa l-katina tal-ikel ukoll," jgħid Daniel Izquierdo, direttur maniġerjali u kofundatur ta' Micron Agritech. "Dak li jieħdu l-annimali jispiċċa fil-platti tagħna."

Flimkien ma' studenti pari mit-Technological University of Dublin, Izquierdo żviluppa soluzzjoni ta' tagħlim b'magna li permezz tagħha, il-bdiewa jwettqu testijiet veloċi huma stess b'kitt speċjali u smartphone.

Il-proġett rebbaħ lit-tim bosta premjijiet u premji fi flus, għalhekk fl-2019 huma kienu lesti li jitilqu mill-università u jwaqqfu l-kumpanija tagħhom stess. Investiment ta' ekwità minn The Yield Lab Europe, ditta tal-kapital ta' riskju appoġġata mill-Fond Ewropew tal-Investiment, għenithom jieħdu l-pass li jmiss. "Huma għenu bl-iżvilupp tal-prodott tagħna u wassluna fejn ninsabu llum," jgħid Izquierdo.

Micron Agritech hija eżempju wieħed ta' kif il-kapital ta' riskju qed jgħin biex iwassal innovazzjoni tant meħtieġa lis-settur agrikolu. Il-popolazzjoni tad-dinja hija mistennija li tilħaq quċċata ta' 10.4 biljun fi żmien 60 sena, iżda mhux se jkun faċli għall-pjaneta tagħna, li diġà tinsab taħt pressjoni kbira, biex titma' lil dawn in-nies kollha. Il-kapital ta' riskju b'appoġġ għall-innovazzjoni u t-teknoloġiji ġodda huwa vitali biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet futuri ma jibqgħux bil-ġuħ, u huwa għalhekk li l-Fond Ewropew tal-Investiment jinvesti f'fondi bħal The Yield Lab Europe.

"Billi ninvestu f'fondi mmaniġġjati minn ditti tal-kapital ta' riskju u ta' ekwità privata, aħna nistgħu nimmultiplikaw ir-riżorsi li nipprovdu lis-suq," tgħid Adelaide Cracco, kap tal-klima u l-impatt ambjentali fi ħdan il-Fond Ewropew tal-Investiment. "Meta naħdem flimkien mal-investituri b'dan il-mod, kull euro li ninvestu jattira erba' euro oħrajn minn investituri oħrajn."

### Kaxex tan-naħal innovattivi

Kumpanija agriteknoloġika ġdida oħra appoġġata mill-Fond Ewropew tal-Investiment hija ApisProtect, kumpanija f'Cork, l-Irlanda, li żviluppat sistema innovattiva li tgħin lin-naħħala jżidu l-produttività u jnaqqsu l-ispejjeż.

Permezz ta' taħlita tal-internet tal-oġġetti u t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali, ApisProtect b'mod remot toħroġ u tinterpreta data mill-kaxex tan-naħal.

Investimenti ta' kapital ta' riskju bħal Micron Agritech u ApisProtect jippromwovu l-innovazzjoni fl-istadji bikrin tal-iżvilupp. "Innovazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkollhom potenzjal li jibdlu l-andament tal-industriji," jgħid Cracco mill-Fond Ewropew tal-Investiment, "u joħolqu prodotti u teknoloġiji ġodda meħtieġa għall-ġejjieni li se jkollhom impatt enormi."

# IL-QAWMA TAR-ROBOTS TAL-KONSENJI

## Il-kumpanija tar-robotika Starship Technologies qed tibdel d-drawwiet tagħna fix-xiri u l-konsenji, u għaldaqstant twassal innovazzjoni ekoloġika lill-mobbiltà urbana

Immaġina dan: għadek kif wasalt mix-xogħol u għandek il-ġuħ. Għalhekk, tiddeċiedi li tordna xi ikel online u tistennih jasal. Iżda meta tiftaħ il-bieb wara li tkun irċevejt notifika tal-konsenja, m'hemm ħadd hemm ħlief robot abjad żgħir kemxejn futuristiku d-daqs ta' basket tax-xiri.

Dan donnu xi ħaġa mill-fantaxjenza, iżda huwa diġà realtà għal bosta konsumaturi fl-Estonja, il-Finlandja, id-Danimarka, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti.

Din l-innovazzjoni nħolqot minn Starship Technologies, kumpanija mwaqqfa fl-2014 fl-Estonja mill-kofundatur u l-kreatur ewlieni ta' Skype, Ahit Heinla u Janus Friis. Minn dakinhar, il-kumpanija wettqet aktar minn 3.5 miljun konsenja kummerċjali, fejn kopriet distanza ta' aktar minn 7 miljun km globalment, aktar minn kull wieħed mill-kompetituri tagħha.

### Robots tal-konsenji mill-futur

Ir-robots ta' Starship huma aktar simili għal R2-D2 milli Terminator, iżda tħallix li d-dehra gustuża tagħhom tingannak — huma b'saħħithom sew. Bis-saħħa tat-12-il kamera u s-sitt roti tagħhom, ir-robots jistgħu jitilgħu l-bankini, jevitaw oġġetti, jersqu fil-ġenb għal persuni mexjin fil-qrib, u anke jindunaw bl-ostakli, bħal karozzi għaddejjin sa 300 metru 'l-bogħod.

Huma jistgħu jagħmlu l-konsenji aktar intelliġenti wkoll. Ir-robots huma mħaddma bl-elettriku u ggwidati b'kombinament ta' sensers, intelliġenza artifiċjali u apprendiment awtomatiku, u jistgħu jidentifikaw ir-rotot l-aktar qosra u siguri, u għaldaqstant inaqqsu l-ħin u l-impronta karbonika tal-konsenji. "Il-konsenja medja ta' Starship tuża l-istess ammont ta' enerġija li kitla teħtieġ biex tgħalli l-ilma għal kikkra tat-te waħda," jgħid Henry Harris-Burland, viċi president tal-kummerċjalizzazzjoni fi ħdan Starship.

### It-twassil ta' soluzzjonijiet aktar ekoloġiċi u innovattivi

It-trasport tal-merkanzija huwa sors kbir tat-tniġġis f'bosta bliet, iżda r-robots tal-konsenji ta' Starship jistgħu jnaqqsu l-konġestjoni u l-emissjonijiet ta' ħsara fl-aħħar mil. "Kull robot jista' jneħħi għaxar karozzi mit-toroq bħala medja," jgħid Harris-Burland. "Studju riċenti, immexxi mill-Kunsill ta' Milton Keynes fir-Renju Unit, wera li ġew evitati aktar minn 280 000 vjaġġ bil-karozza bis-saħħa tar-robots tagħna. Dan ifisser li ġew evitati 137 tunnellata ta' $CO_2$ u 22 kg ta' emissjonijiet ta' ossidu nitruż."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa l-kumpanija b'self ta' riskju ta' kważiekwità ta' €50 miljun, li ġie ffirmat f'Jannar 2022. Dan il-finanzjament, appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, jagħmel parti mill-Faċilità Ewropea għal Finanzi għat-Tkabbir, prodott imfassal biex jindirizza n-nuqqas ta' kapital ta' riskju għal kumpaniji ġodda innovattivi fl-Ewropa.

# NOĦOLQU MEXXEJJA TAL-IOT

## Żewġ kumpaniji Ewropej qed jittrasformaw l-internet tal-oġġetti (IoT) b'servizzi tal-kostruzzjoni diġitali innovattivi

It-teknoloġija tal-internet tal-oġġetti (IoT) tista' tittrasforma u tottimizza l-mod kif ngħixu, insuqu, naħdmu, nimmanifatturaw prodotti, jew nirċievu l-kura tas-saħħa. Tista' tgħin ukoll biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u emissjonijiet tal-karbonju aktar baxxi. Hekk kif huwa mistenni li aktar minn 41 biljun apparat tal-IoT se jkunu qed jintużaw sal-2025, l-internet tal-oġġetti hija parti vitali mit-trasformazzjoni diġitali u teknoloġija ewlenija għall-awtonomija diġitali tal-Ewropa.

Kontakt Micro-Location (magħrufa bħala Kontakt.io), li ġiet imwaqqfa fi Kraków, il-Polonja, hija kumpanija tal-IoT li tuża t-teknoloġija Bluetooth biex tirrevoluzzjonizza s-sistemi tal-lokalizzazzjoni għal ġewwa. "Għal snin, kumpaniji oħrajn ġew offruti soluzzjonijiet monolitiċi għaljin u kumplessi," jgħid Philipp von Gilsa, il-kap eżekuttiv ta' Kontakt.io. "Aħna nagħmlu apparat intelliġenti tal-IoT, soluzzjonijiet tal-cloud u software potenti li jista' jittrasforma l-binjiet f'ambjenti ta' ġewwa sostenibbli."

### Noħolqu interazzjonijiet bejn in-nies, l-oġġetti u l-binjiet

Kontakt.io tuża l-intelliġenza artifiċjali, sensers u teknoloġiji tal-cloud, li jestendu fil-Wi-Fi ta' binja biex joħolqu saff tal-metadata ġdid għal binjiet intelliġenti.

Bl-applikazzjonijiet sensittivi għal-lokalità ta' Kontakt.io, infermiera tista' tidentifika l-eqreb tagħmir mediku disponibbli u sanitizzat, u sanitizzat. Il-maniġers jistgħu jużaw l-ispazju u l-enerġija fl-uffiċċji b'mod aktar effiċjenti.

"Il-prodotti tagħna jgħinu jottimizzaw il-konsum tal-elettriku ta' binja," jgħid Łukasz Szelejewski, l-uffiċjal ewlieni tat-teknoloġija ta' Kontakt.io. "Billi nifhmu kif il-binjiet qed jintużaw attwalment, jinbena l-pedament tad-data li tgħin biex timminimizza l-konsum tat-tisħin, tal-ventilazzjoni u tal-arja kkundizzjonata tal-bini, u għaldaqstant tnaqqas l-ispejjeż tal-enerġija b'sa 35%."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa lil Kontakt.io bi €12-il miljun, li ġie ffirmat fi Frar 2022, permezz tal-Fond Ewropew ta' Garanzija tiegħu, faċilità mfassla biex tgħin lin-negozji Ewropej jimmaniġġjaw l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19. Ħafna mill-benefiċjarji tagħha kienu ditti tat-teknoloġija ġodda li inkella għandu mnejn kien ikollhom jirrikorru għand l-Istati Uniti jew iċ-Ċina għall-finanzjament.

### Prodotti tal-IoT magħmula fil-Litwanja

Kumpanija oħra tal-IoT appoġġata mill-Bank Ewropew tal-Investiment, Teltonika IoT Group, tagħmel networks u tagħmir bla fili innovattivi, bħal trackers ta' vetturi, GPS u modems.

"Aħna waqqafna kumpanija żgħira ħafna fil-Litwanja fl-1998, fejn kellna naffrontaw ħafna tbatija," jgħid Arvydas Paukštys, il-fundatur u l-president ta' Teltonika IoT Group. "Issa, inbiegħu l-prodotti tal-IoT uniċi tagħna magħmula fil-Litwanja f'aktar minn 160 pajjiż."

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim ta' €50 miljun biex jappoġġa lil Teltonika f'Mejju 2022, appoġġat b'garanzija mill-baġit tal-UE taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

# MEDIĊINI BIEX JINQATEL IL-KANĊER

## Kumpanija Pollakka żviluppat mediċini ġodda fil-ġlieda kontra l-kanċer tad-demm u tumuri solidi b'terapiji mmirati

Il-lewkimja tal-mijelojde akuta hija forma severa tal-kanċer tad-demm. Magħrufa bħala AML, hija relattivament rari, b'madwar 20 000 każ ġdid fis-sena fl-Ewropa u numru ndaqs fl-Istati Uniti. Iżda hija ferm aggressiva u għal pazjenti adulti għandha l-aktar rata baxxa ta' sopravivenza tal-kanċers tad-demm kollha.

Il-mediċini ġodda żviluppati minn Ryvu Therapeutics, kumpanija tal-bijoteknoloġija Pollakka, jistgħu jagħtu tama ġdida lil pazjenti li jsofru mill-AML u kanċers oħrajn li huma ta' theddida għall-ħajja.

"Ġisimna huwa għodda potenti ħafna," jgħid Krzysztof Brzozka, l-uffiċjal xjentifiku ewlieni ta' Ryvu. "Aħna kollha kellna ċelloli kankrużi f'ġisimna, iżda bilkemm innutajnihom minħabba li s-sistema immuninitarja tagħna eliminat dawk iċ-ċelloli tat-tumur. Madankollu f'xi okkażjonijiet rari, iċ-ċelloli ħżiena tant ikunu aggressivi jew immunosoppressivi li naraw it-tumuri, u narawhom jinfirxu bħala marda tal-kanċer."

### Molekuli żgħar b'potenzjal kbir

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi lil Ryvu b'**finanzjament ta' dejn ta' riskju ta' €22 miljun** biex jappoġġa r-riċerki u l-provi kliniċi tal-kumpanija.

Ryvu bniet il-kapaċità li tidentifika malajr u tottimizza l-molekuli b'mekkaniżmi differenti ta' azzjoni mfassla għal tipi ta' kanċer u approċċi ta' trattament differenti. Bħalissa għandha żewġ kandidati ta' mediċini fi provi kliniċi: SEL24 u RVU120, inibituri tal-kinażi li jimblokkaw il-proċessi taċ-ċelloli li jimbuttaw it-tkabbir tal-kanċer.

Iż-żewġ kandidati tal-mediċini qed jiġu ttestjati għat-trattament tal-kanċer tad-demm. RVU120 qed tiġi ttestjata wkoll kontra tumuri solidi, bħall-kanċer tas-sider jew tal-prostata. Dawn il-kandidati tal-mediċini jiġu fil-forma ta' kapsuli u jistgħu jittieħdu d-dar — vantaġġ kbir għall-pazjenti li normalment ikunu mgħobbija bil-piż ta' żjarat frekwenti fl-isptar, trasfużjonijiet taċ-ċelloli tad-demm, infezzjonijiet rikorrenti, uġigħ u għeja.

### Fondi tal-UE għal riċerka mill-aktar avvanzata fil-Polonja

Il-finanzjament ta' dejn ta' riskju tal-Bank Ewropew tal-Investiment huwa appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). "Konna impressjonati ħafna bid-data tal-proċessi tagħhom s'issa," tgħid Cristina Niculescu, speċjalista anzjana fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "L-istrateġija tagħhom hija promettenti ħafna."

Iżda, il-proġetti tal-bijoteknoloġija huma relattivament ta' riskju għoli minħabba l-inċertezza tar-riżultati tal-provi kliniċi. "Mingħajr il-garanzija tal-FEIS, ma nkunux nistgħu niffinanzjaw dan il-proġett," tgħid Anna Stodolkiewicz, uffiċjal għall-investiment mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Sa mill-2015, il-BEI investa madwar €1 biljun fi proġetti tar-riċerka għat-trattament tal-kanċer, li joqtol 10 miljun ruħ madwar id-dinja kull sena. "Ħafna mill-proġetti jistgħu jfallu, u nistgħu nitilfu flus li kieku setgħu jintużaw biex tinbena awtostrada ġdida," tgħid Niculescu. "Iżda jekk wieħed minnhom jirnexxi, se jbiddel il-ħajjiet ta' miljuni ta' nies."

# IL-FUTUR MHUX BINARJU

## Kumpanija Finlandiża tmur lil hinn miż-żero u l-wieħed biex tibni kompjuters kwantistiċi li jħaffu skoperti xjentifiċi, u għaldaqstant itejbu l-ħajjiet ta' kulħadd

Il-kliem "kompjuter kwantistiku" probabbilment ifakkru xi fantaxjenza ta' Hollywood fejn din it-teknoloġija tintuża biex tgħawweġ il-ħin u ddawwal bliet futuristiċi. Iżda l-kompjuters kwantistiċi huma reali. L-esperti jemmnu li dawn jistgħu jibdlu d-dinja, joħolqu teknoloġiji futuristiċi, u jagħmlu l-ħolm tal-fantaxjenza realtà.

Il-kumpanija Finlandiża IQM Quantum Computers qed tipparteċipa f'dan iż-żerniq bikri tal-era tal-computing kwantistiku. "Aħna l-ewwel faċilità tal-fabrikazzjoni ddedikata għall-kwantistika fl-Ewropa," jgħid Juha Vartiainen, kofundatur u kap uffiċjal tal-operazzjonijiet fi ħdan IQM. "Il-proċessuri u l-kompjuters kwantistiċi tagħna jistgħu jirrevoluzzjonaw bosta setturi, mill-iżvilupp ta' mediċini u vaċċini għaċ-ċibersigurtà, u jġibu innovazzjoni importanti fiż-żoni tat-teknoloġija klimatika."

Il-computing kwantistiku jitqies bħala l-avvanz il-kbir li jmiss fit-teknoloġija, b'esperti jbassru li s-suq jilħaq $770 miljun sal-2025. Huwa għalhekk li l-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġa lil IQM b'self ta' €35 miljun, li ġie ffirmat fi Frar 2022, permezz tal-Fond Ewropew ta' Garanzija tiegħu.

### X'inhuma l-kompjuters kwantistiċi?

Fl-1981, Richard Feynman, fiżiċista viżjonarju, issuġġerixxa li kompjuter kwantistiku kellu l-potenzjal li jwettaq simulazzjonijiet ta' sistemi fiżiċi li kompjuter klassiku ma jistax jagħmel. Sfortunatament, dak iż-żmien ħadd ma kien jaf jibni kompjuter bħal dan.

Sbatax-il sena wara, Isaac L. Chuang, Neil Gershenfeld u Mark Kubinec taw prova li dan huwa fattibbli billi ħolqu l-ewwel kompjuter kwantistiku ta' żewġ qubits. Din l-iskoperta rivoluzzjonarja kellha twitti t-triq għal kompjuter kwantistiku ta' daqs standard, missjoni li għadha għaddejja.

Kompjuter standard jipproċessa bits diġitali ta' żero u wieħed. Il-kompjuters kwantistiċi jużaw bits kwantistiċi jew qubits li jaħżnu żero, wieħed, kemm żero kif ukoll wieħed, jew numru infinit ta' valuri bejniethom. Dan iżid b'mod enormi il-kapaċità tiegħu għall-kalkoli.

Pereżempju, kompjuter kwantistiku futur ikun jista' jidħol fi kwalunkwe mis-sistemi tas-sigurtà komuni tal-lum f'sekondi. L-aqwa superkompjuters tal-lum ikunu jeħtieġu miljuni ta' snin biex jagħmlu l-istess xogħol.

Il-kompjuters kwantistiċi primarjament se jagħmlu l-istess xogħol bħall-kompjuters attwali tagħna — sempliċement b'ħeffa akbar. Iżda hemm ħafna użi possibbli oħrajn ta' din it-teknoloġija l-ġdida.

"Bl-użu tal-kompjuters kwantistiċi, aħna nkunu nistgħu nissimulaw reazzjonijiet kimiċi, niffaċilitaw it-tfassil ta' mediċini u l-produzzjoni ta' materjali differenti," jgħid Vartiainen. "Mill-finanzi għall-enerġija, il-mediċina għax-xjenzi materjali u l-loġistika għall-industriji avvanzati, il-computing kwantistiku jħaffef l-iskoperti u l-avvanzi rivoluzzjonarji biex itejjeb il-ħajjiet ta' kulħadd."

# INNOVAZZJONI U AWTONOMIJA

> **"Il-proċessuri u l-kompjuters kwantistiċi tagħna jistgħu jirrevoluzzjonaw bosta setturi, mill-iżvilupp ta' mediċini u vaċċini għaċ-ċibersigurtà, u jġibu innovazzjoni importanti fiż-żoni tat-teknoloġija klimatika."**

**Juha Vartiainen, kofundatur u uffiċjal tal-operazzjonijiet ewlieni ta' IQM Quantum Computers**

## Id-dejn ta' riskju huwa ta' faraġ għall-kwantistika

L-Ewropa għandha tradizzjoni soda fir-riċerka kwantistika, b'ħafna ċentri ewlenin tad-dinja stabbiliti hawnhekk. Iżda ċ-Ċina u l-Istati Uniti qed jibdew imexxu t-tellieqa kwantistika.

Il-Fond ta' Garanzija Ewropew tal-bank tal-UE għandu l-mira li jagħti spinta lill-kompetittività tal-Ewropa billi jappoġġa kumpaniji milquta mill-impatt negattiv ekonomiku tal-COVID-19. Ħafna minn dawn il-kumpaniji huma ditti tat-teknoloġija li m'għandhomx kapital biex jistrieħu fuqu, anke jekk jeħtieġu li jkabbru n-negozju tagħhom. Dan huwa partikolarment importanti fis-setturi tat-teknoloġija fejn kumpaniji Ewropej inkella jkollhom jirrikorru għand l-Istati Uniti jew iċ-Ċina għal finanzjament alternattiv.

"Permezz tal-Fond inkunu nistgħu noffru soluzzjonijiet ta' dejn ta' riskju fuq terminu twil u nindirizzaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament uniċi ta' kumpaniji innovattivi li jikbru malajr f'setturi kruċjali għall-futur tal-Ewropa," jgħid Cristian Antoci, uffiċjal għad-dejn ta' riskju u l-ekwità mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Bl-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment, IQM tista' tkompli tkun pijunier fir-riċerka kwantistika fl-Ewropa u madwar id-dinja kollha. "Il-finanzjament se jintuża biex niżviluppaw u nespandu aktar l-operazzjonijiet Ewropej tagħna," tgħid Pia-Johanna Lemmetty, kap tal-finanzi fi ħdan IQM. "Se jgħinna wkoll inkomplu l-iżvilupp tal-prodott tagħna u l-espansjoni tat-tim tagħna ta' esperti li għandhom tant talent."

## Insibu soluzzjonijiet kwantistiċi għal problemi moderni

IQM tixtieq tuża l-innovazzjoni tagħha biex tindirizza l-kriżi klimatika.

"Il-computing kwantistiku jista' jkun integrali biex isibu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet klimatiċi," jgħid Vartiainen. "Dan jista' jfisser l-iżvilupp ta' batteriji aktar effiċjenti biex jissostitwixxu l-magna tal-kombustjoni, it-titjib tat-teknoloġiji tal-immudellar tat-temp, jew l-ottimizzar tal-grilja tal-enerġija biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ fil-flussi tat-traffiku tal-bliet."

Il-kumpanija qed tgħin ukoll biex toħloq ekosistema kwantistika Ewropea tal-ġenerazzjoni li jmiss.

F'Diċembru 2021, il-kumpanija fetħet faċilità ddedikata għall-fabbrikazzjoni f'Espoo, il-Finlandja. Din il-faċilità l-ġdida se toħloq impjiegi fit-teknoloġija avvanzata u tispira aktar riċerka globalment billi tikkollabora ma' ċentri tar-riċerka u universitajiet internazzjonali.

# L-ISKOP TA' DAN KOLLU

## Mis-satelliti għaċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi u l-biedja li titma l-ħamrija, il-pijunier għall-investiment b'impatt soċjoekoloġiku Ananda tappoġġa kumpaniji li huma siewja għas-soċjetà u l-ambjent

Il-karriera ta' Florian Erber kienet diġà ta' suċċess. Bħala inġinier elettriku, huwa kien ħadem fil-kapital ta' riskju f'Kalifornja u Munich. Huwa kien biegħ il-kumpanija ġdida tiegħu lil korporazzjoni internazzjonali kbira. Iżda ma kienx jaf kif se jispjega din il-karriera lit-tifla tiegħu ta' erba' snin. "Dak li kien jonqos," huwa qal, "kien l-iskop ta' dan kollu."

U hemm beda jinteressa ruħu fil-qasam tal-investiment b'impatt soċjoekoloġiku li kien emerġenti dak iż-żmien. "Jien iddeċidejt li nkun nista' ngħidilha li qed niżgura li l-ambjent jibda jfiq. Dak li kieku ngħid lit-tifla tiegħi — dak li kieku ngħid lili nnifsi."

Il-fond ta' investiment imwaqqaf minn Erber fl-2009 ma' Johannes Weber kiber meta rrealizzaw li huma "ma ridux joħolqu negozji li ma kinux tassew sinifikanti" u issa huwa l-bażi tal-isfera dejjem tikber ta' investiment b'impatt soċjoekoloġiku wiesa'. F'Mejju, Ananda Impact Ventures għalqet ir-raba' fond ta' investiment tagħha b'€108 miljun, inkluż it-tielet investiment tagħha mill-Fond Ewropew tal-Investiment.

"Il-fondi li ninvestu qed ikejlu l-impatt tagħhom," jgħid Maximilian Heyde, maniġer tal-investiment fi ħdan il-Fond Ewropew tal-Investiment, sussidjarja tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Huma orjentati biex isolvu problemi soċjetali jew ambjentali, filwaqt li fl-istess ħin jiġġeneraw rendimenti finanzjarji għall-investituri."

Il-Fond Ewropew tal-Investiment, b'mod partikolari, huwa essenzjali għall-investiment b'impatt soċjoekoloġiku. Il-FEI kmieni ħafna beda jibni s-suq tal-investimenti b'impatt soċjoekoloġiku," jgħid Erver. "B'dan it-tieni fond tagħna seħħ tassew."

### L-investiment b'impatt soċjoekonomiku joffri sigurtà għall-innovazzjonijiet għall-Ewropa

L-investimenti b'impatt soċjoekonomiku jikkontribwixxu wkoll għall-kompetittività globali tal-Ewropa billi jiffinanzjaw innovazzjonijiet li inkella jkunu mġiegħla jirrikorru lejn l-Istati Uniti jew l-Asja għall-finanzjament, b'implikazzjonijiet għas-**sigurtà tal-provvista** tal-kontinent. "Spiss il-fondi ta' riskju Ewropej huma żgħar wisq biex jappoġġaw stadji tat-tkabbir futuri u l-kumpaniji jiddependu fuq fondi akbar mill-Istati Uniti jew iċ-Ċina," jgħid Heyde mill-FEI. "Wieħed mill-objettivi strateġiċi tagħna huwa li nipprovdu kapital addizzjonali biex ngħinu lill-fondi ta' riskju biex joħorġu aktar flus għal kumpaniji fil-fażi tat-tkabbir li t-teknoloġiji tagħhom għandhom impatt pożittiv fuq il-klima jew l-ambjent."

**Sa mill-2008, il-Fond Ewropew tal-Investiment investa €1.4 biljun f'fondi ta' investimenti b'impatt soċjoekonomiku, aktar minn nofshom matul l-aħħar tliet snin. Din l-attività hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti matul is-snin li ġejjin billi l-FEI huwa impenjat li jagħmel li tal-inqas 25% tal-investiment annwali tiegħu jkun relatat mal-klima u l-ambjent**.

Bl-appoġġ tal-UE għal kumpaniji ġodda, id-ditti tal-kapital ta' riskju tal-Istati Uniti u tal-Asja mhux dejjem tgħaddi tagħhom biss. Wieħed mill-investimenti ta' Ananda, EcoG, beda ħames snin ilu f'Detroit. Iżda sena wara, il-maniġers iddeċidew li jkabbru l-kumpanija fi Munich. "L-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi hija suq wieħed fejn l-Ewropa qed tmexxi b'fattur ta' tnejn jew tlieta," jgħid Jörg Heuer, il-fundatur u l-kap

> **"L-Ewropa fil-passat kellha diffikultajiet bid-diġitalizzazzjoni. Issa għandna suq fejn ninsabu quddiem l-Istati Uniti. Huwa importanti li nżommu dak l-ewwel post, biex inkunu nistgħu nirnexxu madwar id-dinja kollha."**
>
> Jörg Heuer, fundatur u kap eżekuttiv ta' EcoG

eżekuttiv ta' EcoG. "L-Ewropa fil-passat kellha diffikultajiet bid-diġitalizzazzjoni. Issa għandna suq fejn ninsabu quddiem l-Istati Uniti. Huwa importanti li nżommu dak l-ewwel post, biex inkunu nistgħu nirnexxu madwar id-dinja kollha."

### Android għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi

Heuer iddeskriva l-prodott tal-EcoG bħala "android għall-infrastruttura tal-iċċarġjar." Permezz tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar intelliġenti tal-kumpanija, il-konsumaturi jistgħu jiċċarġjaw il-karozzi tagħhom meta l-elettriku jkun bl-orħos prezz minħabba d-disponibbiltà għolja tal-enerġija rinnovabbli. Dak huwa importanti, minħabba li ż-żieda mistennija fil-vetturi elettriċi probabbilment se toħloq pressjoni fuq il-kapaċità tal-elettriku tal-Ewropa.

EcoG tipprovdi spinta doppja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima: l-ewwel, billi tnaqqas "l-ansjetà tal-medda tas-sewqan" u b'hekk tagħmel li x-xiri ta' vettura elettrika aktar attraenti; u t-tieni, billi tagħmel l-enerġija kkonsmata mill-karozzi l-ġodda aktar ekoloġika. "Jekk nibqgħu nibnu ċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi bħal toasters, ma hemm l-ebda flessibbiltà għal bidla maż-żmien," jgħid Heuer. "Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' smartphone, l-utent jista' jinnovah billi jinstalla funzjonalitajiet ġodda fuq il-mowbajl. Aħna għandna l-istess viżjoni għaċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi."

### L-investiment b'impatt soċjoekoloġiku jimmatura

Is-suċċess ta' kumpaniji bħal EcoG huwa ta' sodisfazzjon għal Florian Erber li ra s-suq tal-investiment b'impatt soċjoekoloġiku jikber flimkien mat-tifla tiegħu, Natalie, li issa għandha 18-il sena.

"Meta bdejt fis-settur tal-impatt, ħafna mill-pari tiegħi mill-industrija tal-kapital ta' riskju staqsewni, "Dan kollu sabiħ ħafna, iżda tista' tgħix minnu? Kif se taqla' l-flus?"", huwa jgħid. "Issa jċemplulna, billi jafu li d-ditti standard tal-kapital ta' riskju jeħtieġu jadattaw. Huma jridu jieħdu l-impatt b'aktar serjetà."

Bħaż-żagħżugħa Natalie Erber, l-investiment b'impatt soċjoekonomiku qed jilħaq il-maturità u l-prospetti huma tajbin.

# ĊELLOLI GĦALL-KURA TAL-INKONTINENZA

**Kumpanija Awstrijaka tal-bijoteknoloġija qed tiżviluppa terapiji ta' ċelloli li jistgħu jgħinu lil miljuni li jsofru mill-inkontinenza biex jerġgħu jgħixu ħajja attiva**

Immaġinak tiġri lejn il-kamra tal-banju iżda ma tasalx fil-pront. Idea tal-biża' iżda sfortunatament hija realtà għal ħafna nies. Fl-Ewropa biss, madwar 20 miljun adult isofru minn inkontinenza tal-ippurgar. L-inkontinenza urinarja hija ferm aktar komuni.

Innovacell, kumpanija Awstrijaka tal-bijoteknoloġija, qed tiżviluppa terapiji ta' ċelloli li għandhom il-potenzjal li jsolvu din il-problema. It-terapija tinjetta ċ-ċelloli prekursuri tal-muskoli tal-pazjent stess fil-muskolu tal-isfinteru danneġġat u/jew indebolit tal-persuna, u tgħinu jiġġenerah mill-ġdid u jerġa' jikseb il-funzjoni xierqa tiegħu.

Sabiex tħaffef il-fażi finali tal-provi kliniċi, Innovacell irċeviet self ta' riskju ta' €15-il miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment f'Diċembru 2021. Il-flus se jgħinu biex il-kumpanija tibqa' f'pożizzjoni aktar avvanzata mill-kompetituri tagħha wara li l-iżvilupp naqqas fir-ritmu matul il-pandemija tal-COVID-19.

"Hemm kumpanija fl-Istati Uniti li taħdem fuq dan it-tip ta' terapija. Huma qegħdin tal-inqas ħames snin warajna fl-iżvilupp," jgħid Ekkehart Steinhuber, il-kap eżekuttiv tal-kumpanija. "Is-self kien wieħed materjali billi għen biex jassigura lill-investituri li kellna biżżejjed fondi fil-futur qrib."

## Il-kura għall-inkontinenza ttejjeb il-kwalità tal-ħajja

L-inkontinenza hija aktar prevalenti fost l-anzjani. Hija t-tieni raġuni l-aktar komuni għaliex in-nies jitqiegħdu fid-djar tal-anzjani. Madankollu, nies iżgħar ukoll jistgħu jsofru b'din il-kundizzjoni. In-nisa, pereżempju, jistgħu jġarrbu trawma fl-isfinteru waqt il-ħlas.

S'issa, "ma tantx hemm wisq x'jistgħu jagħmlu n-nies biex jissaportu," tgħid Valeria Iansante, speċjalista fix-xjenzi tal-ħajja mal-Bank Ewropew tal-Investiment. Trattamenti eżistenti jvarjaw minn bidla fid-dieta u fiżjoterapija għal medikazzjoni, stimulazzjoni elettrika u diversi forom ta' kirurġija. Xi wħud minnhom huma invażivi ħafna u spiss ma jkollhomx effett dewwiemi.

## Injezzjoni ta' darba biss għal kura fit-tul

Innovacell għażlet approċċ differenti. Il-kumpanija tieħu tessut tal-muskolu d-daqs ta' għadma taċ-ċirasa mill-muskolu tas-sider tal-pazjent, tiżola ċ-ċelloli staminali mit-tessut u tiżviluppahom fiċ-ċelloli tal-prekursur tal-muskoli, li mbagħad jiġu injettati mill-ġdid fl-isfinteru tal-pazjent, fejn dawn jgħinu lill-muskolu jerġa' jiġġenera u jikseb il-funzjoni tiegħu mill-ġdid.

Il-kumpanija tuża teknoloġija protetta bi privattiva biex iċ-ċelloli jiġu impjantati b'labra żgħira ħafna. Il-proċedura, li hija ggwidata bl-ultrasound, ftit li xejn hija invażiva u hija preċiża ħafna. U potenzjalment tipprovdi kura permanenti: "Aħna għandna *data* minn pazjenti ttrattati tmien snin ilu," jgħid il-Kap Eżekuttiv Steinhuber, li ilu mal-kumpanija mill-2009. "L-effett huwa wieħed dewwiemi."

> "Is-self kien wieħed materjali billi għen biex jassigura lill-investituri li aħna kellna biżżejjed fondi fil-futur qrib."
>
> **Ekkehart Steinhuber, kap eżekuttiv ta' Innovacell**

## Għajnuna tal-UE fil-ġirja għall-approvazzjoni

Innovacell għandha tliet prodotti kandidati biex tittratta tipi differenti ta' inkontinenza tal-ippurgar u urinarja. Il-kandidat ewlieni tagħha ICEF15, li jittratta "l-inkontinenza tal-ippurgar impulsiva", daħal fit-tielet fażi, l-aħħar fażi tal-provi kliniċi qabel l-approvazzjoni regolatorja. F'dan l-istadju, il-kumpanija teħtieġ tinvesti fondi enormi. "Studju bħal dan jiswa għexieren ta' miljuni ta' euro," jgħid Steinhuber.

Mhuwiex faċli tiġbor il-flus f'dan l-istadju u f'dan is-settur fl-Ewropa. Dan iwassal biex bosta kumpaniji jfittxu finanzjament mill-Istati Uniti jew mill-Asja, li spiss jirriżulta f'eżodu tax-xjenza mill-Ewropa.

"Hemm nuqqas ta' interess mill-investituri Ewropej għal terapiji taċ-ċelloli," jgħid Cyril Teixeira Da Silva, uffiċjal għall-investiment mal-Bank Ewropew tal-Investiment li għen biex jistruttura s-self għal Innovacell. "Iżda aħna nixtiequ li nżommu din l-innovazzjoni fl-Ewropa."

Bħala l-bank tal-UE, il-BEI seta' joffri lil Innovacell finanzjament ta' riskju appoġġat mill-Fond Ewropew ta' Garanzija. Il-fond twaqqaf biex jgħin lill-kumpaniji milquta mill-pandemija. "Xorta għadu investiment ta' riskju," jgħid Teixeira Da Silva. "Mingħajr il-garanzija, kieku kien ikun għadu mhux finanzjabbli. Tal-inqas kieku kien ikollna nistennew riżultati pożittivi fit-tielet fażi."

## Il-Ġappun huwa promettenti għall-mediċina riġenerattiva

Innovacell tara opportunità kbira fil-Ġappun, minħabba li l-popolazzjoni aktar anzjana tiegħu toħloq suq dinamiku għal trattamenti tal-inkontinenza. Il-kumpanija qed tagħmel provi tat-tielet fażi hemmhekk kif ukoll biex tikseb l-approvazzjoni tal-prodott. Il-Ġappun huwa attraenti minħabba li l-potenzjal tat-terapiji riġenerattivi huwa rikonoxxut. Għaldaqstant huwa aktar faċli għal kumpaniji li qed jiżviluppaw dawn it-trattamenti li huma intensivi fir-riċerka biex jitolbu prezzijiet aktar għaljin.

Bil-finanzjament ta' Innovacell, li bdiet fl-2000 bħala spin-off tal-Università Medika ta' Innsbruck, il-Bank qed jagħti s-setgħa lill-kumpanija biex tesporta x-xjenza tagħha globalment, li huwa ta' benefiċċju għan-nies fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha.

"Huma jistgħu jitqiesu bħala l-futur tal-mediċina riġenerattiva," tgħid Iansante mill-BEI. "Hemm ħtieġa medika għolja u l-benefiċċji għall-pazjenti jistgħu jkunu tant kbar. Huwa għalhekk li qed nipprovdu fondi tal-UE lil din il-kumpanija."

# KONNESSJONIJIET GLOBALI

"Il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-ġirien tagħha hija aktar importanti minn qatt qabel. Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa bħal pont, jgħaqqad lin-nies u l-postijiet bi proġetti sostenibbli li jibnu ħajja aħjar għal ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri."

**Souad Farsi**, kap tal-uffiċċju tal-BEI f'Amman, il-Ġordan

Affrontat b'firxa ta' kriżijiet globali, il-Bank Ewropew tal-Investiment ifforma mill-ġdid il-mod kif jopera barra mill-Unjoni Ewropea biex jirrispondi għall-isfidi globali b'impatt dejjem ikbar. Il-fergħa tal-iżvilupp tagħna, BEI Globali, imnedija fl-2022, tibdel l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea għas-sostenibbiltà, l-iżvilupp, l-azzjoni klimatika u d-diġitalizzazzjoni fi proġetti u prodotti reali. Kull proġett imwettaq minn BEI Globali jwieġeb għal ħtieġa ekonomika vitali — u jippromwovi l-valuri tal-libertà, id-dinjità tal-bniedem u l-istat tad-dritt f'dinja li hija inqas stabbli milli konna nemmnu.

BEI Globali huwa mfassal sabiex irawwem u jippromwovi sħubijiet b'saħħithom u ffokati kemm fi ħdan u permezz tat-Tim Ewropa u mal-imsieħba tagħna madwar id-dinja.

# L-ARMONIZZAZZJONI TAL-MIKROFINANZJAMENT

## L-assistenza teknika tal-UE għenet lill-istituzzjoni tal-mikrofinanzjament Palestinjana Faten tipprovdi $8 miljun għal ditti żgħar

Shua'a Yassin ma jrid xejn aktar ħlief li joffri ttestjar speċjalizzat aħjar, aktar veloċi u b'firxa usa' għall-pazjenti li jiġu fil-laboratorju tiegħu fil-belt ta' Ramallah fix-Xatt tal-Punent. Yassin huwa tekniku ta' laboratorju mediku li jispeċjalizza fl-ematoloġija, u huwa telaq minn xogħlu mal-Ministeru tas-Saħħa Palestinjan fl-2014 biex iwaqqaf Lab Tech.

"Aħna bdejna bħala laboratorju ta' rutina, inwettqu testijiet ta' rutina sempliċi — mhux laboratorju speċjalizzat," huwa jgħid. "Imbagħad kbirna u bdejna nispeċjalizzaw fl-ematoloġija u l-ittestjar molekulari." Il-laboratorju tiegħu issa jimpjega disa' nisa u rġiel.

Biex jespandi s-servizzi tal-laboratorju, Yassin jeħtieġ tagħmir aktar sofistikat. Huwa seta' jixtrih bl-għajnuna ta' self mill-Palestine for Credit and Development — Faten, istituzzjoni tal-mikrofinanzjament ibbażata f'Ramallah, li rċeviet it-tieni parti ta' self ta' $10 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment fl-2022.

Faten ġiet stabbilita fl-1999. Issa hija l-akbar istituzzjoni tal-mikrofinanzjament fix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, u l-portafoll eċċellenti ta' Faten għandu valur ta' kważi $157 miljun b'26 400 benefiċjarju attiv, skont Hamza Ghannam, maniġer tad-dipartiment tal-kreditu tal-istituzzjoni.

### Patti armonizzanti

Fl-2019, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma ftehim ta' self ta' $10 miljun ma' Faten. L-ewwel ħruġ ta' $2 miljun sar fl-2020. Minħabba taħlita ta' ċirkostanzi diffiċli, Faten sabet xi diffikultajiet biex tissodisfa l-kundizzjonijiet tas-self. Dan wassal għal dewmien fil-ħruġ li kien għad fadal ta' $8 miljun.

Ostaklu sinifikanti kien li Faten kellha kważi 50 patt finanzjarju differenti ma' 17-il sellief differenti, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investiment. Kien diffiċli għall-istituzzjoni tal-mikrofinanzjament biex iżomm rendikont tal-għadd kbir ta' kundizzjonijiet ta' self.

Biex tegħleb dan u tgħin tiżgura li l-Bank Ewropew tal-Investiment ikun jista' joħroġ it-$8 miljun li kien fadal, il-bank tal-UE offra li jgħin lil Faten permezz tal-Programm ta' Assistenza Teknika għall-Inklużjoni Finanzjarja fil-Viċinat tan-Nofsinhar. Il-programm huwa ffinanzjat taħt il-Faċilità ta' Kapital ta' Riskju għall-Viċinat tan-Nofsinhar, li nħoloq mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni Ewropea biex jippromwovi l-inklużjoni finanzjarja fir-reġjun.

"Il-programm ta' assistenza teknika jkopri firxa ta' pajjiżi — il-Marokk, it-Tuneżija, il-Ġordan, l-Alġerija, l-Eġittu, il-Libanu u l-Palestina*," tgħid Emma-Jayne Paul, esperta tal-assistenza teknika tal-mikrofinanzjament ma' BEI Globali, il-fergħa tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tieħu ħsieb il-proġetti barra mill-Unjoni Ewropea.

"Inizjalment kien intenzjonat li jkun programm ta' tliet snin, iżda bis-saħħa tas-suċċess tiegħu, se jiġi estiż għal sentejn oħra sal-aħħar ta' Jannar 2025," hija tgħid.

> **"Issa qed inħarsu lejn apparati li ma jinstabux fil-komunità tagħna, bħal sekwenzjar tal-ġenerazzjoni li jmiss, u strumenti aktar speċjali li jaħdmu fuq id-DNA tal-bniedem."**
>
> Shua'a Yassin, fundatur ta' Lab Tech

### Semplifikazzjoni tal-ftehimiet numerużi

Faten kienet kuntenta li taċċetta l-assistenza. L-istituzzjoni ta' mikrofinanzjament kellha tirrispetta bosta settijiet differenti ta' kundizzjonijiet, jew patti, ta' self, minn 17-il sellief differenti. Kienet sitwazzjoni kkumplikata billi kultant il-patti kienu simili ħafna ta' xulxin, bi ftit differenzi żgħar.

Faten irrevediet il-patti kollha u niżlithom għal sitta. Imbagħad daħlu f'negozjati twal u kumplessi ma' kull wieħed mis-selliefa biex jaraw jekk jistgħux jaċċettaw il-patti l-ġodda.

### Kundizzjonijiet reżistenti għall-kriżijiet

Is-sitwazzjoni politika fix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża hija kkumplikata u l-kriżijiet iseħħu b'mod frekwenti. "Aħna ma nikkontrollawx il-fruntieri tagħna, bħall-fruntiera bejn il-Ġordan u l-Palestina, jew il-fruntieri marittimi, jew il-fruntieri ma' pajjiżi oħra madwarna, bħal-Libanu u s-Sirja," jgħid Ghannam. "Dan jagħmilha diffiċli għall-esportazzjoni u l-importazzjoni bejna u pajjiżi oħrajn."

Għalhekk meta l-patti ġew innegozjati mill-ġdid, kien importanti wkoll li s-selliefa jifhmu l-instabbiltà inerenti fin-negozju ta' Faten.

Is-selliefa kollha eventwalment għamlu kompromessi, u s-sbatax li huma kollha spiċċaw jadottaw l-istess sitt patti. Ladarba l-inizjattiva tlestiet, il-BEI seta' joħroġ it-$8 miljun. Sa minn meta nħarġu l-flus f'Lulju, Faten żiedet tliet selliefa ġodda, li qablu wkoll mal-istess sitt patti.

It-tim tal-assistenza teknika tal-Bank jittama li jista' jkun possibbli li l-inizjattiva tiġi rreplikata ma' istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament oħrajn f'ekonomiji milqutin bi kriżi.

### Lab Tech tħares lejn il-ġejjieni

Bis-self li Lab Tech irċeviet minn Faten, Shua'a Yassin seta' jixtri varjetà ta' magni tal-laboratorju speċjalizzati biex iwettaq testijiet ormonali u molekulari. Fi Frar huwa uża t-$30 000 l-aktar riċenti biex jixtri tagħmir tal-ittestjar tal-PCR f'ħin reali.

"Issa qed inħarsu lejn apparati li ma jinstabux fil-komunità tagħna, bħal sekwenzjar tal-ġenerazzjoni li jmiss, u strumenti aktar speċjali li jaħdmu fuq id-DNA tal-bniedem," huwa jgħid. "Qed infittxu biex insibu finanzjament għal dak."

* Din id-denominazzjoni m'għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent tal-Istat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni.

# OPPORTUNITAJIET TA' DAWL GĦAN-NISA

## Il-kumpanija tal-enerġija Brażiljana Neoenergia tiftaħ skola tal-electricians għan-nisa biex tippromwovi l-inklużjoni soċjali

Érica Carvalho de Oliveira ġejja minn familja ta' electricians. Illum, tinstab fi triqtha li ssir l-ewwel electrician mara fil-familja tagħha, bis-saħħa ta' programm soċjali ġdid maħluq mill-kumpanija tal-enerġija Brażiljana Neoenergia.

"Jiena kburija ħafna li qed nieħu sehem fi proġett li jkisser l-ostakli ta' bejn il-ġeneri," tgħid Oliveira. "Dan ifisser li toħroġ miż-żona ta' kumditā tiegħek u turi li kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jistgħu jagħmlu kwalunkwe xogħol."

Neoenergia hija wieħed mill-akbar fornituri tal-elettriku fil-Brażil b'operazzjonijiet fi 18-il stat.

Il-kumpanija ħolqot l-Iskola tal-Electricians f'Bahia fl-2013 biex ittejjeb il-ħajjiet għal nies f'komunitajiet żvantaġġati. Neoenergia tuża l-edukazzjoni u t-taħriġ biex ittejjeb l-inklużjoni, tgħin lin-nisa iżda wkoll tassisti lin-nies minn komunitajiet inqas edukati jew aktar fqar biex isibu impjiegi aħjar.

Fl-2019, l-iskola ħolqot klassijiet speċifikament għan-nisa biex ittemm l-idea li x-xogħol tal-electrician huwa għall-irġiel biss.

"Dan il-proġett inħoloq u żviluppa bħala mod kif ngħinu lin-nies fl-ifqar komunitajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u jkun jista' jkollhom il-kundizzjonijiet minimi tal-għajxien, li jinkludu l-ħlas għall-kera u l-ikel tagħhom," tgħid Régia Barbosa, li tmexxi l-iżvilupp organizzazzjonali f'Neoenergia. "Dan jirrigwarda l-ħolqien ta' opportunitajiet għal għajxien aħjar, iżda wkoll biex nuru li setturi ta' impjiegi normalment assoċjati mal-irġiel joffru wkoll opportunitajiet għan-nisa."

Sal-2021, il-kumpanija kienet ingaġġat aktar minn 1 600 ruħ li temmew it-taħriġ fl-Iskola tal-Electricians. Illum, kważi 300 mara saru electricians iċċertifikati bis-saħħa tal-programm.

### Insibu bilanċ bejn il-ġeneri

F'Marzu 2022, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €200 miljun ma' Neoenergia biex jappoġġa aktar proġetti tal-enerġija rinnovabbli fil-Brażil. L-investiment se jgħin ukoll lill-kumpanija ittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tkun aktar attiva soċjalment.

Joana Sarmento Coelho, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadmet fuq il-finanzjament, tgħid li l-programm ta' taħriġ ta' electricians ta' Neoenergia jistabbilixxi eżempju tajjeb għal kumpaniji oħrajn li jixtiequ jespandu l-inklużjoni.

"Dan il-proġett minn Neoenergia huwa xi ħaġa li jistgħu jkunu kburin biha," tgħid Sarmento. "Juri li jkun xi jkun il-pajjiż jew l-istatus soċjali u ekonomiku tiegħu, dejjem ikun hemm mod biex tagħmel dak li tixtieq. U dan, b'mod definittiv, huwa l-perkors lejn futur aktar prosperu u aktar ugwali bejn il-ġeneri."

# ENERĠIJA SOLARI GĦALL-AFRIKA RURALI

## Mudell imkabbar mhux ikkollegat mal-grilja jittrasforma l-aċċess għall-enerġija solari fl-Afrika rurali

Madwar 600 miljun ruħ m'għandhomx aċċess għall-elettriku fl-Afrika sub-Saħarjana, minkejja xi progress fi snin riċenti, u t-tkabbir sod tas-settur solari mhux ikkollegat mal-grilja tal-kontinent matul l-aħħar deċennju.

Fil-Benin, 40% biss tal-popolazzjoni għandha aċċess għall-elettriku, b'disparità sinifikanti bejn iż-żoni urbani (70%) u ż-żoni rurali (18%), li jirriżulta f'madwar 5 miljun ruħ mingħajr aċċess għall-elettriku. Huma biss 10% tal-unitajiet domestiċi li bħalissa qed jużaw prodotti solari mhux ikkollegati mal-grilja.

"Fil-Benin biss, aktar minn miljun unità domestika m'għandhomx aċċess għal enerġija moderna u sostenibbli," jgħid Hendrik Engelmann-Pilger, ekonomista anzjan fit-taqsima tal-Programmi għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Dawn l-unitajiet domestiċi jiddependu l-aktar fuq fanali tal-pitrolju, xemgħat, torċi u ġeneraturi għat-tidwil u l-iċċarġjar tal-mowbajls. Dawn is-soluzzjonijiet huma għaljin, iniġġsu u spiss ineffiċjenti."

Sorsi tal-enerġija nodfa u sostenibbli bħal apparati solari u sistemi tad-dar solari għal unitajiet domestiċi mhux ikkollegati mal-grilja għandhom spejjeż għoljin bil-quddiem li jippreżentaw sfida għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju. ENGIE Energy Access, il-fornitur ewlieni ta' pay-as-you-go u grilji żgħar ħafna fl-Afrika, qed joffri soluzzjoni.

### Elettriku nadif u affordabbli

Bil-pay-as-you-go, il-klijenti jistgħu jagħmlu pagamenti żgħar biex jiftħu s-sistema għal użu għal ġurnata jew ġimgħa kull darba, sakemm ikunu ħallsu l-prezz sħiħ u s-sistemi jkunu miftuħa b'mod permanenti. In-nies fil-Benin ikunu jistgħu jħallsu lura l-ispiża tat-tagħmir fuq medda ta' snin għal inqas minn 20 ċenteżmu kuljum.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €10 miljun lil ENGIE Energy Access Benin biex jappoġġa t-tnedija ta' 107 000 sistema solari tad-dar ta' kwalità għolja fil-Benin. Dan se jiftaħ l-aċċess għal enerġija nadifa bħal madwar 643 000 ruħ fil-pajjiż tal-Punent tal-Afrika.

Il-ftehim il-ġdid tal-Benin isegwi l-appoġġ preċedenti tal-BEI għal ENGIE biex tniedi enerġija solari mhux ikkollegata mal-grilja fl-Uganda.

"Is-sħubija tagħna mal-Bank Ewropew tal-Investiment fil-Benin se tipprovdi sistemi pay-as-you-go affordabbli ħafna għan-nies fl-irħula mal-pajjiż kollu, li jagħtuhom aċċess għal enerġija solari nadifa u awtomizzazzjoni finanzjarja," jgħid Gilian-Alexandre Huart, kap eżekuttiv ta' ENGIE Energy Access.

# IL-KUMDITÀ HIJA LI JKOLLOK VIT BL-ILMA ĠIERI

**Hekk kif il-kriżi tal-ilma fis-Senegal tmur għall-agħar minħabba t-tibdil fil-klima, infrastruttura ġdida toffri sokkors għal aktar minn miljun ruħ madwar il-pajjiż kollu**

Marie Sall qamet qabel iż-żerniq bit-tama lit-timla l-bettija waqt li l-ilma jkun għadu ġieri, biex il-familja tagħha ta' seba' persuni tkun tista' tixrob u tinħasel il-ġurnata kollha. Iżda l-viti ilhom nexfin għal ġimgħat sħaħ fid-distrett ta' Pikine ta' Saint-Louis, raħal fit-Tramuntana tas-Senegal.

"Din mhix ħajja," hija tgħid, hekk kif taqsam flixkun ilma mal-ħamest itfal tagħha mogħti mill-ġara tagħha. Sall m'għandhiex għażla oħra ħlief li tqatta' l-kumplament tal-ġurnata ġġib l-ilma biex il-familja tagħha tkun tista' tgħix.

Tama ġdida tieħu l-għamla ta' self ta' €64.5 miljun mill-Bank Ewropew tal-Investiment akkopjat b'għotja ta' €5.55 miljun mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tas-Senegal. Il-finanzjament se jipprovdi ilma għax-xorb lill-familja ta' Sall, lir-residenti kollha ta' Saint-Louis u lil żewġ irħula fiċ-ċentru u n-Nofsinhar tas-Senegal, Kaolack u Kolda.

"L-ilma huwa l-ħajja. Jien kburi li nagħmel parti minn proġett li għen lil komunitajiet vulnerabbli fis-Senegal. Konna spalla ma' spalla mal-imsieħba Afrikani tagħna u rrispondejna għaż-żminijiet ta' sfida tal-COVID-19," jgħid François-Xavier Parant, l-uffiċjal anzjan għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment li ħadem fuq din l-operazzjoni.

Il-bank tal-UE beda jaħdem fis-Senegal fl-1966 u llum huwa wieħed mill-imsieħba l-aktar b'saħħtu tiegħu. Dan is-self se jgħin lis-Senegal jiggarantixxi l-ilma għal kulħadd, hekk kif żieda f'daqqa fil-popolazzjoni u nixfiet severi intensifikaw il-pressjoni fuq ir-riżorsi skarsi tal-ilma.

### Ilma għall-bliet żgħar fis-Senegal

Bil-230 000 abitant tagħha, Saint-Louis tinsab mgezza bejn ix-Xmara Senegal u l-Atlantiku. Minħabba dan il-post strateġiku, il-belt iffjorixxiet fil-passat, iżda saret ukoll vulnerabbli għat-tibdil fil-klima.

"Din it-tbatija kollha se tintemm bl-impjant tat-trattament il-ġdid," jgħid Abdou Diouf, direttur tax-xogħlijiet fuq il-post f'isem is-Société Nationale des Eaux du Sénégal, il-kumpanija tal-ilma nazzjonali.

Fit-tmiem tal-proġett, Saint-Louis se tgawdi minn impjant ġdid tat-trattament tal-ilma tax-xorb, unitajiet ta' ġibjuni għall-ħażna u network tad-distribuzzjoni mkabbar.

Kolda u Kaolack ukoll se jibbenefikaw minn xogħlijiet simili. Dawn qed isaħħu n-network tal-ilma u jtejbu l-kwalità tal-ilma tax-xorb għas-634 000 ruħ li jgħixu fit-tlett ibliet. Allinjat mal-Inizjattiva Afrikana għal Bliet Sostenibbli, dan il-proġett huwa vitali. Jekk m'hemmx ilma fil-bliet aktar żgħar, in-nies se jkunu spostati hekk kif ifittxu stil ta' ħajja aħjar.




Self preċedenti lill-kumpanija tal-ilma fis-Senegal iffoka fuq il-belt kapitali Dakar

> **Din it-tbatija kollha se tintemm bl-impjant tat-trattament il-ġdid.**
>
> Abdou Diouf, direttur tax-xogħlijiet fuq il-post f'isem is-Société Nationale des Eaux du Sénégal

"L-investiment fi bliet sekondarji huwa importanti biex jgħin jissodisfa d-domanda dejjem tikber għall-ilma u jitnaqqsu d-disparitajiet," jgħid Emmanuel Chaponniere, l-inġinier anzjan mal-Bank Ewropew tal-Investiment fuq il-proġett. Self preċedenti lill-kumpanija tal-ilma fis-Senegal iffoka fuq il-belt kapitali Dakar.

### Aktar appoġġ għal impatt akbar

Nies bħal Ouleymatou Diakhaté jiddependu fuq il-bejjiegħa tal-fliexken biex jgħixu. Iżda dawk li ma jistgħux jaffordjaw l-ilma fil-flixkun jixorbu ilma maħmuġ mit-tankijiet. Dan iżid mal-problemi tas-saħħa eżistenti minn mard li jinġarr mill-ajru u mill-ilma.

L-għotja ta' €5.55 miljun mill-Unjoni Ewropea, immobilizzata mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mit-Tim Ewropa, se tgħin lill-kumpanija tal-ilma tas-Senegal taċċellera l-35 000 konnessjoni tal-ilma tax-xorb sussidjati għal 350 000 benefiċjarju madwar il-pajjiż kollu. "Tant jien kuntent li stajna nimmultiplikaw l-impatt tal-proġett," jgħid Chaponniere.

Is-self tal-bank tal-UE u l-għotja tal-Unjoni Ewropea qed ikunu ta' benefiċċju għan-nisa, b'mod partikolari, peress illi l-ġbir tal-ilma huwa xogħol li jaqa' l-aktar fuq in-nisa u l-bniet, li jisirqilhom il-ħin tagħhom mit-tagħlim u milli jaqilgħu l-flus.

### Is-serħan li tkun akkumpanjat minn sieħeb sod

It-tim tal-Bank Ewropew tal-Investiment approva l-proġett tat-tlett ibliet b'mod remot u malajr waqt il-pandemija tal-COVID-19. Sa Ottubru, diġà kienu nħarġu €13.5 miljun.

"Aħna stajna naċċelleraw il-valutazzjoni għaliex ingranajna fuq din ir-relazzjoni mill-qrib u fit-tul. Konna nafu kif kienet taħdem il-kumpanija tal-ilma u huma kienu jafuna sew ukoll," jgħid Parant. "Dan il-proġett huwa l-ħames wieħed tagħna mas-Société Nationale des Eaux du Sénégal sa mill-1995."

Taħt il-miżuri ta' emerġenza tal-pandemija, il-Bank Ewropew tal-Investiment, b'mod eċċezzjonali, iffinanzja kważi 90% tal-ispejjeż tal-proġett, meta mqabbel mal-massimu standard tiegħu ta' 50%. **Il-finanzjament addizzjonali tal-Bank għen lill-gvern tas-Senegal jeħles €34 miljun biex jużahom għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19**.

"Kellna s-serħan li konna akkumpanjati minn sieħeb sod," jgħid Diouf.

# DAWN IŻ-ŻRIERAGĦ JAĦDMU

## Varjetajiet tar-ross ġodda qed inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jgħinu lill-bdiewa

Ix-xejriet tal-monsoon li qed jinbidlu fl-Indja qed jagħmlu ħerba b'wieħed mill-aktar prodotti bażiċi importanti tal-pajjiż: ir-ross. Filwaqt li fl-Indja ċentrali u tan-Nofsinhar kien hemm xita eċċessiva fix-xhur riċenti b'għargħar fl-istati tan-Nofsinhar ta' Kerala, Karnataka u Madhya Pradesh, l-istati fil-Lvant u l-Grigal tal-pajjiż, bħal Uttar Pradesh, Bihar u Odisha, raw temperaturi għoljin u ftit wisq xita. Bħala riżultat, il-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Indja jistenna li l-ħasda tar-ross ta' dan l-istaġun tinżel b'madwar 6.77 miljun tunnellata għal 104.99 miljun.

Madankollu, iż-żrieragħ ġodda u t-tekniki tat-tkabbir imtejba żviluppati minn SeedWorks, ibbażata f'Hyderabad, qed jagħmlu differenza. "Bosta għelejjel fl-Indja ġew meqruda bil-mewġiet tas-sħana din is-sena," jgħid Sundar Raja Vadlamani, president tal-katina tal-provvista ma' SeedWorks. "Il-kumpanija tagħna tibdel l-istruttura ġenetika tal-karatteristiċi li jagħmlu l-pjanti aktar reżiljenti għal sħana estrema u jipprovdu rendimenti akbar."

Bi ħsarat ikkawżati min-nixfiet, l-għargħar, is-salinità u t-temperaturi estremi, il-produzzjoni tar-ross hija vittma tat-tibdil fil-klima. Iżda hija wkoll kontributur ewlieni, responsabbli għal madwar 2.5% tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra antropoġeniċi kollha, fuq l-istess livell mal-industrija tal-avjazzjoni globali. L-impatt sostanzjali ta' din l-għalla bażika fuq il-klima ġej primarjament mill-mod li jitkabbar tradizzjonalment. L-għelieqi mgħarrqin joħolqu kundizzjonijiet ideali għall-batterji li jemettu l-metan, gass b'effett ta' serra potenti.

Il-varjetajiet tar-ross żviluppati minn SeedWorks jeħtieġu inqas ilma, riżorsa dejjem aktar skarsa fl-Indja fejn kważi 600 miljun persuna jaffaċċjaw stress idriku għoli sa estrem. Ikkombinat ma' tekniki ġodda, li hija tħarreġ lill-bdiewa biex jużaw, ir-riżultat huwa għalla aktar sostenibbli b'impatt klimatiku aktar baxx.

Il-kumpanija tistma li għenet tiffranka madwar 14-il biljun litru ta' ilma s'issa, billi kkombinat il-varjetajiet tar-ross tagħha li jeħtieġu inqas ilma ma' għadd ta' inizjattivi għall-konservazzjoni tal-ilma, inkluż l-użu ta' arloġġi tal-ilma u ħżin tal-ilma tax-xita, kif ukoll billi tħarreġ lill-bdiewa dwar kif jottimizzaw il-konsum tal-ilma tagħhom.

SeedWorks qed tittestja wkoll metodu ġdid għat-tħawwil tar-ross, li jinvolvi magna li żviluppat biex tiżra' r-ross direttament fl-għelieqi, minflok l-ewwel tkabbarhom fil-mixtliet — innovazzjoni li tgħid li għandha tiffranka ħafna ilma.

### Ekwità privata u ross sostenibbli

SeedWorks għandha faċilitajiet tar-riċerka u l-iżvilupp f'Singapore u qed tespandi fil-Filippini. Il-pjanijiet tal-iżvilupp tal-kumpanija huma appoġġati minn ditta tal-ekwità privata ffukata fuq il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali msejħa GEF Capital Partners, b'uffiċċji fl-Indja, l-Amerika Latina u l-Istati Uniti. BEI Globali, il-fergħa tal-iżvilupp internazzjonali tal-Bank Ewropew tal-Investiment, impenjat $40 miljun fl-2022 għall-fond l-aktar riċenti ta' GEF, wara li investiet aktar minn $25 miljun f'fond preċedenti fl-2018.

# KONNESSJONIJIET GLOBALI

> **"L-impatti tat-tibdil fil-klima għandhom tendenza li jolqtu ħażin b'mod partikolari lil gruppi vulnerabbli bħall-familji bi dħul baxx u n-nisa. Dak kollu li jista' jsir biex jgħin sabiex tissolva l-problema tal-klima għandu t-tendenza li jkollu impatt pożittiv fuq dawn il-gruppi wkoll."**
>
> **Raj Pai, sieħeb maniġerjali għall-Asja t'Isfel ma' GEF**

GEF kienet waħda mill-pijunieri bikrin tal-investiment b'impatt soċjoekoloġiku," jgħid Raj Pai, sieħeb maniġerjali għall-Asja t'Isfel ma' GEF. "Ilna nħarsu lejn temi differenti mill-enerġija rinnovabbli, sas-sigurtà tal-ilma u l-ikel fl-Indja, l-Asja tax-Xlokk u l-Amerika Latina sa mill-bidu tas-snin disgħin."

Illum, GEF timmonitorja l-impatt tagħha skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU — kif ukoll id-dħul finanzjarju tagħha — u tinvesti biss f'kumpaniji li l-attivitajiet tagħhom huma allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima. Dan ifisser li l-investimenti kollha tagħha huma konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra baxxi u żvilupp reżiljenti għall-klima.

Il-grupp ta' ekwità privata rreġistra wkoll għall-inizjattiva 2X Challenge għall-fond il-ġdid tiegħu. Iċ-Challenge tfittex li timmobilizza $15-il biljun biex tappoġġa negozji li jipprovdu lil nisa minn ekonomiji emerġenti b'aċċess għal opportunitajiet ta' tmexxija, impjieg ta' kwalità, u prodotti u servizzi li jtejbu l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ekonomika tagħhom.

"L-impatti tat-tibdil fil-klima għandhom tendenza li jolqtu ħażin b'mod partikolari lil gruppi vulnerabbli bħall-familji bi dħul baxx u n-nisa," jgħid Pai. Dak kollu li jista' jsir biex jgħin sabiex tissolva l-problema tal-klima għandu t-tendenza li jkollu impatt pożittiv fuq dawn il-gruppi wkoll."

## L-impatt tal-bank tal-UE

Għall-fondi bħal GEF, il-Bank Ewropew tal-Investiment jattira investituri oħrajn li inkella għandu mnejn ma kinux jidħlu fis-settur.

"Il-parteċipazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment f'fondi bħal GEF tattira investituri oħrajn u tikkatalizza l-investiment tas-settur privat f'oqsma fejn huma meħtieġa bil-kbir, bħall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali," tgħid Sissi Frank Perez, uffiċjal għall-investiment fit-tim tal-ekwità privata ma' BEI Globali.

"L-ekwità privata jista' jkollha wkoll rwol uniku u importanti fi swieq emerġenti, mhux biss bħala sors ta' kapital," hija tgħid, "iżda bħala sors ta' kompetenza biex tgħin lill-kumpaniji jiżviluppaw, jistituzzjonalizzaw, u jadottaw l-aħjar prattiki f'termini ta' materji ambjentali, soċjali u ta' governanza."




BEI Globali

# L-ISPTARIJIET FI ŻVILUPPI ĠODDA

**Runa Khan temmen li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-kura tas-saħħa. L-organizzazzjoni tagħha, Friendship, twassal mediċini, vaċċini u edukazzjoni lil żoni remoti tal-Bangladesh**

Matul il-vjaġġ fil-Bangladesh rurali biex tippromwovi proġett edukattiv, Runa Khan rat familji mingħajr ebda kura medika jew mediċina. Hija ddeċidiet li tagħmel differenza għall-komunità sħiħa.

"Ma tibdiex billi tipprova tħalli impatt fuq id-dinja kollha," tgħid Khan. "Tibda billi tiffoka fuq individwi, tifhem dak li jeħtieġu, u tgħinhom b'imħabba."

Khan ilha tipprova tibdel is-soċjetà għall-aħjar tul ħajjitha kollha. Wieħed mill-proġetti soċjali l-aktar sodisfaċenti tagħha beda meta baħri Franċiż Yves Marre wasal fil-Bangladesh fl-1994 b'barkun tax-xmajjar irtirat biex jagħtih għal kawża karitatevoli. Din id-dgħajsa spiċċat tgħin lil miljuni ta' nies jiksbu kura tas-saħħa aħjar u kienet l-ewwel pass fit-twaqqif ta' Friendship, organizzazzjoni bi skop soċjali b'aktar minn 4 000 impjegat u ħames fergħat madwar id-dinja.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €250 miljun biex jappoġġa l-akkwist mill-Bangladesh ta' vaċċini u tilqim mal-pajjiż kollu kontra l-COVID-19. Illum, b'dan l-appoġġ u l-għajnuna, miljuni ta' nies mill-Bangladesh ġew imlaqqma u rċevew kura tas-saħħa aħjar permezz ta' Friendship.

"Bil-kooperazzjoni ma' Friendship, aħna nistgħu nagħtu spinta lill-impatt tagħna f'dan il-qasam u niksbu żvilupp sostenibbli u inklużivi," tgħid Katrin Bock, uffiċjal għas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment responsabbli għall-investiment fil-Bangladesh. "Aħna naraw is-sħubija tagħna bħala xempju tal-investimenti fis-settur tas-saħħa u proġetti relatati mal-COVID-19."

### Il-ħajja bl-għargħar fil-Bangladesh

Il-Bangladesh huwa pajjiż ta' xmajjar, bi kważi 75% tal-pajjiż taħt il-livell tal-baħar. Il-ġeografija tal-pajjiż ħallietu suxxettibbli għal għargħar frekwenti u sever.

L-4 miljun ruħ li jgħixu fil-gżejjer flottanti tax-Xmara Brahmaputra, magħrufa bħala "chars", huma speċjalment vulnerabbli. Kull darba li x-xmara tfur, il-gżejjer char jisfaxxaw u jisparixxu, u jisfurzaw lin-nies biex jitilqu kollox warajhom u jmorru lejn art ġdida. Il-problema qed tmur għall-agħar bit-tibdil fil-klima. "Jien iltqajt ma' nies li bidlu darhom aktar minn 40 darba f'ħajjithom," tgħid Khan.

Biż-żewġ sptarijiet galleġġanti u ieħor fuq l-art, Friendship tipprovdi l-kura tas-saħħa liċ-chars u l-belt kostali tal-Bangladesh. Dan ifisser operazzjonijiet, mediċini u check-ups mediċi bla ħlas, kif ukoll kura pedjatrika, ġinekoloġika, dentali u tal-għajnejn.

Biex tiżgura li ħadd ma jitħalla mingħajr għajnuna, Friendship waqqfet ukoll sistema ta' kliniki statiċi u satelliti mobbli, appoġġata minn ħaddiema tas-saħħa mħarrġa mill-komunitajiet lokali. "Jekk m'għandekx dgħajsa, huwa diffiċli ħafna biex taċċessa l-kura," tgħid Khan. "Is-sistema tal-kura tas-saħħa ġiet mill-ħtiġijiet tal-komunità."

> **"Ma tibdiex billi tipprova tħalli impatt fuq id-dinja kollha. Tibda billi tiffoka fuq individwi, tifhem dak li jeħtieġu, u tgħinhom b'imħabba."**
>
> Runa Khan, fundatriċi ta' Friendship

### Jingħalaq id-distakk għall-vaċċini

Il-Bangladesh huwa kważi d-daqs tal-Greċja, iżda għandu 16-il darba tal-popolazzjoni tiegħu. Meta faqqgħet il-COVID-19, it-tilqim kien l-uniku mod kif tinżamm ħajja normali mingħajr it-theddida ta' marda qattiela.

Friendship kellha rwol ewlieni biex twassal il-vaċċini li dawk li kienu jgħixu f'postijiet li huma diffiċli biex jintlaħqu. L-organizzazzjoni ħarġet kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex tippromwovi t-tilqim u appoġġat it-tnedija gradwali fiż-żoni remoti, bħar-reġistrazzjoni tal-pazjenti u assistenza bit-trasport tagħhom lejn iċ-ċentri tat-tilqim.

Fil-bidu ta' Ġunju 2021, inqas minn 4% tal-popolazzjoni tal-Bangladesh kienet ħadet żewġ dożi. Illum, bl-għajnuna ta' Friendship, il-Bangladesh laqqam bis-sħiħ aktar minn 70% tal-popolazzjoni tiegħu.

### Tisħiħ tal-komunitajiet

Il-Bangladesh huwa fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Fl-2022, il-pajjiż ra għargħar rekord li qatel aktar minn 100 ruħ u sfratta l-ħajjiet ta' 7 miljun oħra. Iżda l-impatt huwa mistenni li jmur għall-agħar b'mod sinifikanti fid-deċennju li ġej.

Madwar id-dinja, jeħtieġ li n-nies jaraw il-kriżijiet immedjati fil-kuntest tal-isfida aktar kbira tat-tibdil fil-klima, tgħid Khan. "Filwaqt li naħdmu biex nipproteġu l-komunitajiet tagħna u l-pajjiżi tagħna kontra l-COVID-19, jeħtieġ li naħsbu wkoll dwar kif nistgħu nsaħħuhom biex naffaċċjaw kriżijiet futuri," hija tgħid.

Huwa għalhekk li l-azzjoni ta' Friendship tmur lil hinn mill-kura tas-saħħa. L-organizzazzjoni bi skop soċjali taħdem fuq l-azzjoni klimatika u l-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-preservazzjoni kulturali, l-iżvilupp ekonomiku, iċ-ċittadinanza inklużiva, u l-edukazzjoni. L-organizzazzjoni, pereżempju, tipprovdi taħriġ mediku u edukazzjoni primarja u sekondarja għal eluf ta' persuni fiċ-chars, fosthom nisa u migranti.

"Ma hemmx soluzzjoni waħda li tgħodd għal kulħadd, hemm passi. Il-flus huma għodda, it-teknoloġija hija għodda oħra," Khan tgħid. "Jekk teduka raħal wieħed, tista' tibdel il-gżira."

# MINN FEJN JIĠU L-FLUS

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment, l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, ġabar €44.3 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2022, bi €19.9 biljun minnhom f'bonds ekoloġiċi jew bonds ta' sostenibbiltà. Il-ħruġ ta' bonds mill-Bank jilħaq investituri li tipikament forsi ma jinvestux fl-Ewropa, iżda li jikkontribwixxu indirettament fi proġetti Ewropej billi jinvestu f'bonds tal-BEI.**




## ĦRUĠ TA' BONDS SKONT IL-MUNITA



**Il-Bank ħareġ bonds f’17-il munita**, bil-maġġoranza miġbura fil-muniti essenzjali tal-euro u d-dollaru Amerikan. Is-sorsi u l-perjodi ta’ maturità diversifikati joffru flessibbiltà għall-istrateġija ta’ finanzjament tal-Bank. Bl-approċċ b’diversi muniti, il-BEI jkun jista’ wkoll jaċċessa xi muniti lokali għal ħlasijiet.



# PUNTI EWLENIN TAL-PJAN TAL-OPERAT TAL-GRUPP 2023-2025

- **Aktar għajnuna għall-Ukrajna u fokus fuq l-awtonomija tal-UE wara l-invażjoni Russa**
- **It-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili u appoġġ għar-reġjuni li jiddependu fuq il-faħam u ż-żejt**
- **Investimenti ekoloġiċi u diġitali aktar riskjużi**
- **Aktar żvilupp madwar id-dinja permezz ta' BEI Globali**
- **Prijoritajiet ġodda għal assistenza ta' konsulenza, innovazzjoni u teknoloġija**
- **Aktar self għal kumpaniji żgħar fl-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà**

L-aggressjoni militari kontra l-Ukrajna wasslitna biex naċċelleraw l-azzjoni klimatika u l-proġetti li jsaħħu l-indipendenza tal-Ewropa. Parti waħda minn din l-ispinta l-ġdida hija l-programm REPowerEU biex l-Ewropa ssir indipendenti miż-żejt u l-gass Russi. Aħna nappoġġaw bis-sħiħ dan il-programm tal-Kummissjoni Ewropea għall-indipendenza fl-enerġija.

Il-Grupp tal-BEI se jżid il-finanzjament għat-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji ekoloġiċi billi jgħin aktar reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-faħam u ż-żejt. Tranżizzjoni ġusta tfisser li aħna ngħinu lil komunitajiet li jsofru l-aktar biex isibu industriji ekoloġiċi ġodda u aħna nipprovdu aktar taħriġ biex in-nies jibdlu l-karrieri.

Wieħed mill-għanijiet ewlieni tal-Fond Ewropew tal-Investiment mill-2023 sal-2025 se jkun li jżid l-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali. Dan se jinkludi taħriġ dwar għarfien tekniku għal kumpaniji żgħar u appoġġ għall-anġli tan-negozju, kapital ta' riskju u fondi ta' ekwità privata. Il-garanziji tas-self tal-BEI lil istituzzjonijiet ta' għoti ta' self oħrajn se jipprovdu fondi biex jgħinu firxa kbira ħafna ta' kumpaniji ġodda u negozji żgħar. Bħala parti minn REPowerEU, il-FEI se jipprovdi €3 biljun mill-2023 sal-2027 f'investiment ta' ekwità lil istituzzjonijiet finanzjarji għall-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-innovazzjoni ekoloġika.

Barra mill-Ewropa, BEI Globali se tgħin lil aktar reġjuni jipproduċu elettriku ekoloġiku, jipprovdu ilma nadif, jibnu impjanti tas-sanitazzjoni moderni, itejbu l-provvisti tal-kura tas-saħħa u jwaqqfu t-tixrid ta' mard infettiv. Aħna se nimmiraw aktar finanzjament għat-tibdil fil-klima fl-Asja u l-Amerika Latina.

Se nżidu s-servizzi ta' konsulenza biex noffru assistenza teknika li taċċellera l-investimenti fi proġetti ta' prijorità. Is-servizzi ta' konsulenza se jiffokaw fuq l-appoġġ ta' proġetti sostenibbli għall-ambjent u l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Bank Klimatiku. Dan il-pjan direzzjonali jispjega l-għanijiet klimatiċi tagħna mill-2021 sal-2025. Biex nissodisfaw dawn il-wegħdiet klimatiċi, aħna rridu nieħdu aktar riskju u niffinanzjaw proġetti li huma aktar avvanzati teknoloġikament, biex għaldaqstant inkunu nistgħu nżidu l-impatt tal-ħidma tagħna.

**Aqra l-Pjan tal-Operat sħiħ għall-2023-2025 fuq www.eib.org/en/publications**

# GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli.

**Il-Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u darba fis-sena japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-Unjoni Ewropea. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika.

**Il-Bord tad-Diretturi** jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank jiġi mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Hemm 28 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 31 direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-bord huwa ppresedut mill-president f'kapaċità mhux votanti.

**Il-Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Il-Kumitat ta' Tmexxija jaħdem taħt l-awtorità tal-president u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-viċi presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu li jista' jiġġedded sa sitt snin u huma responsabbli għall-Bank biss.

Il-Bank għandu **Kumitat ta' Verifika** indipendenti li jwieġeb direttament lill-Bord tal-Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-awditu tal-kontijiet tal-BEI u tal-Grupp tal-BEI, għall-verifika annwali li l-attivitajiet tal-Bank jitwettqu — u l-kotba tiegħu nżammu — b'mod xieraq, u għall-verifika li l-attivitajiet tal-Bank jikkonformaw mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rapport annwali tal-Kumitat tal-Verifika għas-sena finanzjarja jiġi sottomess lill-Bord tal-Gvernaturi bit-tweġiba tal-Kumitat tat-Tmexxija. Il-Kumitat tal-Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa l-bank tal-UE għall-klima.
Sir af aktar dwar il-ħidma tagħna għall-klima:
Il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali (www.eib.org/climate)

Il-Bank Ewropew tal-Investiment f'turija ta' appoġġ għall-Ukrajna.
Skopri aktar:
Il-BEI f'turija ta' appoġġ għall-Ukrajna (www.eib.org/standwithUkraine)

Il-proġetti tagħna jagħmlu differenza f'kull settur tal-ekonomija globali.
Idħol aktar fil-fond:
Il-proġetti kollha - finanzjament u impatt globali mad-dinja kollha
(www.eib.org/projects/all)

# EWROPA SIGURA

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2022



Bank Ewropew tal-Investiment

pdf: ISBN 978-92-861-5414-0

MT 03/2023